

EBA/GL/2017/16

23/04/2018

Linji Gwida dwar l-istima tal-PD, l-istima tal-LGD u t-trattament ta' assi inadempjenti

1 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 25.06.2018. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2017/16'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2 Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

2.1 Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-istima tal-probabbiltà tal-inadempjenza (PD) u ta' telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD), inkluż l-LGD għal skoperturi inadempjenti (LGD fl-inadempjenza) u l-aħjar stima tat-telf mistenni (EL_{BE}) skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 159 ta' dak ir-Regolament u l-abbozz finali tal-istandards tekniċi regolatorji tal-EBA dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-IRB EBA/RTS/2016/03 [RTS dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-IRB] tal-21 ta' Lulju 2016².

2.2 Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-Approċċ IRB skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-metodi kollha bbażati fuq l-istimi proprji tal-PD u tal-LGD. Fejn, għal skoperturi mhux fil-livell tal-konsumatur, istituzzjoni tkun irċeviet permess biex tuża l-Approċċ IRB iżda ma tkunx irċeviet permess biex tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143(2) flimkien mal-Artikolu 151(8) u (9) ta' dak ir-Regolament, japplikaw il-partijiet kollha ta' dawn il-linji gwida, għajr il-Kapitoli 6 u 7. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju ta' dilwizzjoni, skont l-Artikolu 157 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2.3 Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

2.4 Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Parametri tar-riskju	Wieħed minn dawn li ġejjin, jew kollha: PD, LGD, EL _{BE} u LGD fl-inadempjenza
----------------------	---

² Ir-referenzi għall-Artikoli tal-RTS dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-IRB se jiġu sostitwiti b'referenzi għar-Regolament Delegat li jadotta l-abbozz finali tal-RTS tal-EBA dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-IRB, ladarba dan jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

Sett ta' data ta' referenza (RDS)	Is-settijiet tad-data kollha li jintużaw sabiex issir stima tal-parametri tar-riskju, inklużi s-settijiet tad-data rilevanti għall-iżvilupp tal-mudell kif ukoll is-settijiet tad-data li jintużaw għall-kalibrazzjoni ta' parametru tar-riskju.
Mudell tal-PD	Id-data u l-metodi kollha li jintużaw bħala parti minn sistema ta' klassifikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 142(1) il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li huma relatati mad-differenzjazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-istimi proprji tal-PD u li jintużaw sabiex jiġi vvalutat ir-riskju ta' inadempjenza għal kull debitur jew skopertura koperta minn dak il-mudell.
Il-metodu ta' klassifikazzjoni ta' mudell tal-PD	Il-metodu, li jiffirma parti minn mudell tal-PD, li jintuża biex jiġu klassifikati d-debituri jew l-iskoperturi fir-rigward tar-riskju ta' inadempjenza.
Il-metodu ta' evalwazzjoni ta' mudell tal-PD	Metodu ta' klassifikazzjoni ta' mudell tal-PD li jassenja valuri ordinali ("punteġġi") għall-klassifikazzjoni ta' debituri jew skoperturi.
Mudell tal-LGD	Id-data u l-metodi kollha li jintużaw bħala parti minn sistema ta' klassifikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 142(1) punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li huma relatati mad-differenzjazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-istimi proprji tal-LGD, tal-LGD fl-inadempjenza u tal-EL _{BE} u li jintużaw biex jiġi vvalutat il-livell ta' telf fil-każ ta' inadempjenza għal kull faċilità koperta minn dak il-mudell.
EL _{BE}	L-aqwa stima ta' telf mistenni għal skoperturi inadempjenti, kif imsemmi fl-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
LGD fl-inadempjenza	Telf fil-każ ta' inadempjenza għal skoperturi inadempjenti, kif imsemmi fl-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
Kamp ta' applikazzjoni ta' mudell tal-PD jew tal-LGD	It-tip ta' skoperturi fis-sens tal-punt (2) tal-Artikolu 142(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 koperti minn mudell tal-PD jew mudell tal-LGD.
Stima tal-parametri tar-riskju	Il-proċess sħiħ tal-immudellar relatat mal-parametri tar-riskju, inklużi l-għażla u t-tnejjja tad-data, l-iżvilupp tal-mudell u l-kalibrazzjoni.
Żvilupp tal-mudell	Il-parti tal-proċess tal-istima tal-parametri tar-riskju li twassal għal differenzjazzjoni xierqa tar-riskji permezz tal-ispeċifikazzjoni ta' motivaturi rilevanti tar-riskju, il-bini ta' metodi statistiċi jew mekkaniċi li jassenjaw skoperturi lil gradi

jew aggregazzjonijiet ta' debituri jew faċilitajiet, u l-istima ta' parametri intermedjarji tal-mudell, fejn ikun rilevanti.

Kampjun tal-kalibrazzjoni tal-PD	Is-sett tad-data li fuqu jiġi applikat il-metodu tal-klassifikazzjoni jew tal-aggregazzjoni sabiex titwettaq il-kalibrazzjoni.
Segment tal-kalibrazzjoni	Subgrupp identifikat b'mod uniku tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-PD jew LGD li jiġi kalibrat b'mod konġunt.
Kalibrazzjoni tal-PD	Il-parti tal-proċess tal-istima tal-parametri tar-riskju li twassal għal kwantifikazzjoni xierqa tar-riskji billi jiġi żgurat li meta jiġi applikat il-metodu tal-klassifikazzjoni jew tal-aggregazzjoni tal-PD għal kampjun tal-kalibrazzjoni, l-istimi tal-PD li jirriżultaw jikkorrispondu mar-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil fil-livell rilevanti għall-metodu applikat.
Kalibrazzjoni tal-LGD	Il-parti tal-proċess tal-istima tal-parametri tar-riskju li twassal għal kwantifikazzjoni xierqa tar-riskji billi jiġi żgurat li l-istimi tal-LGD jikkorrispondu mal-LDG medju fuq perjodu twil, jew mal-istima ta' tnaqqis tal-LDG, fejn din tkun aktar konservattiva, fil-livell rilevanti għall-metodu applikat.
Applikazzjoni tal-parametri tar-riskju	L-assenjazzjoni tal-parametri tar-riskju stmati skont il-mudell tal-PD jew tal-LGD għall-iskoperturi attwali, imwettqa jew awtomatikament bl-użu ta' sistema rilevanti tal-IT jew manwalment permezz ta' persunal kwalifikat ta' istituzzjoni.
Portafoll tal-applikazzjoni	Il-portafoll attwali tal-iskoperturi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-PD jew tal-LGD meta ssir l-istima ta' parametru tar-riskju.

3 Implimentazzjoni

3.1 Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Jenħtieġ li sa dak iż-żmien l-istituzzjonijiet jinkludu r-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida fis-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom, iżda l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħaffu l-iskeda taż-żmien ta' din it-tranżizzjoni meta jridu huma.

3.2 L-ewwel applikazzjoni tal-Linji Gwida

10. Jenħtieġ li l-funzjoni ta' validazzjoni interna tivverifika l-bidliet li jiġu applikati għas-sistemi ta' klassifikazzjoni bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida u l-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu żviluppati skont l-Artikolu 144(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-klassifikazzjoni tal-bidliet skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014³.
11. L-istituzzjonijiet li jeħtieġ li jiksibu permess minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 143(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-Regolament (UE) Nru 529/2014, għall-bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni meħtieġa biex dawn il-linji gwida jiġu inkorporati għall-ewwel darba sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 9, jenħtieġ li jiftiehm mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-iskadenza finali għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal tali permess minn qabel.

³ ĠU L 148, 20.5.2014, p. 36.

4 Rekwiżiti ġenerali ta' stima

4.1 Prinċipji għall-ispeċifikazzjoni tal-medda ta' applikazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni

12. Sistema ta' klassifikazzjoni fis-sens tal-punt (1) tal-Artikolu 142(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tkopri dawk l-iskoperturi kollha fejn id-debituri jew il-faċilitajiet juru motivaturi komuni tar-riskju u tal-affidabbiltà tal-kreditu u d-disponibbiltà komparabbli b'mod fundamentali ta' informazzjoni relatata mal-kreditu. Il-mudell tal-PD u tal-LGD fi ħdan sistema ta' klassifikazzjoni jista' jinkludi diversi segmenti ta' kalibrazzjoni. Fejn id-debituri jew l-iskoperturi kollha fil-medda ta' applikazzjoni tal-mudell tal-PD jew tal-LGD ikunu kalibrati b'mod konġunt, il-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-mudell jitqies bħala segment tal-kalibrazzjoni uniku.
13. Jenħtieġ li l-iskoperturi koperti mill-istess sistema ta' klassifikazzjoni jiġu trattati b'mod simili mill-istituzzjoni f'termini tal-immaniġġjar tar-riskju, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-approvazzjoni tal-kreditu, u jiġu assenjati għal skala ta' klassifikazzjoni tad-debituri komuni għall-finijiet tal-Artikolu 170(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u skala ta' klassifikazzjoni tal-faċilitajiet komuni għall-finijiet tal-Artikolu 170(1)(e) ta' dak ir-Regolament.
14. Sabiex issir kwantifikazzjoni ta' diversi parametri tar-riskju fi ħdan sistema ta' klassifikazzjoni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw l-istess definizzjoni ta' inadempjenza għall-istess osservazzjonijiet storiċi li ntużaw f'mudelli differenti. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw ukoll l-istess trattament ta' diversi inadempjenzi tal-istess debitur jew skopertura f'sorsi tad-data interna, esterna u aggregata.

4.2 Rekwiżiti tad-data

4.2.1 Kwalità tad-data

15. Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Artikolu 76 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom politiki, proċessi u metodi sodi biex jivvalutaw u jtejbu l-kwalità tad-data użata għall-proċessi tal-kejl u tal-immaniġġjar tar-riskju tal-kreditu, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li dawk il-politiki japplikaw għad-data kollha użata fl-iżvilupp u fil-kalibrazzjoni tal-mudell, kif ukoll għad-data użata fl-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju.
16. Sabiex id-data użata fl-iżvilupp tal-mudell u fl-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju bħala inputs fil-mudell tissodisfa r-rekwiżiti tal-preċiżjoni, tal-kompletezza u tal-adegwatezza speċifikati fl-Artikolu 174(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li din tkun biżżejjed preċiża biex jiġu evitati distorsjonijiet materjali tal-eżitu tal-assenjazzjoni ta' skoperturi lil gradi jew aggregazzjonijiet ta' debituri jew faċilitajiet, u m'għandu jkun fiha l-ebda preġudizzju li jagħmel id-data mhux addattata għall-iskop li intiża għalih.

4.2.2 Governanza għal rappreżentattività tad-data

17. Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit tar-rappreżentattività tad-data użata fil-mudelli tal-PD u tal-LGD speċifikati fl-Artikoli 174(c), 179(1)(d) u 179(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll fl-Artikoli 40 u 45 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom politiki, proċessi u metodi sodi sabiex jivvalutaw ir-rappreżentattività tad-data li tintuża sabiex issir stima tal-parametri tar-riskju. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet, fil-politiki interni tagħhom, jispeċifikaw it-testijiet statistiċi u l-metrika li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tar-rappreżentattività tad-data użata għad-differenzjazzjoni tar-riskju u, b'mod separat, għad-data li tiddetermina l-kwantifikazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw ukoll metodi għal valutazzjoni kwalitattiva tad-data għall-każijiet, definiti fil-politiki tagħhom, fejn l-applikazzjoni ta' testijiet statistiċi ma tkunx possibbli.
18. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw l-istess standards u metodi għall-valutazzjoni tar-rappreżentattività tad-data ġeja minn sorsi differenti, inkluża data interna, esterna u aggregata jew taħlita ta' dawn, sakemm ma jkunux iġġustifikati metodi differenti mill-ispeċifità tas-sors tad-data jew mid-disponibbiltà tal-informazzjoni.
19. Fejn tintuża data esterna jew aggregata, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiksbu biżżejjed informazzjoni mill-fornituri tad-data sabiex jivvalutaw ir-rappreżentattività ta' din id-data esterna jew aggregata għall-portafolli u l-proċessi tal-istituzzjonijiet stess.

4.2.3 Rappreżentattività tad-data għall-iżvilupp tal-mudell

20. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw ir-rappreżentattività tad-data fil-każ ta' mudelli statistiċi u mudelli mekkaniċi oħra li jintużaw biex jiġu assenjati skoperturi lill-gradji jew lill-aggregazzjonijiet, kif ukoll fil-każ ta' mudelli statistiċi ta' tbassir tal-inadempjenza li jiġġeneraw stimi tal-probabbiltà tal-inadempjenza għal debituri jew faċilitajiet individwali. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħżlu sett tad-data xieraq għall-iżvilupp ta' mudell sabiex jiġi żgurat li l-prestazzjoni tal-mudell fuq il-portafoll tal-applikazzjoni, b'mod partikolari s-setgħa diskriminatorja tiegħu, ma tiġix imxekkla b'mod sinifikanti minn rappreżentattività insuffiċjenti tad-data.
21. Sabiex jiġi żgurat li d-data li tintuża għall-iżvilupp tal-mudell għall-assenjazzjoni ta' debituri jew skoperturi lil gradji jew aggregazzjonijiet tkun rappreżentattiva tal-portafoll tal-applikazzjoni kopert mill-mudell rilevanti, kif meħtieġ fl-Artikolu 174(c) tar-Regolament (UE) Nru 57/2013 u l-Artikolu 40(2) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw ir-rappreżentattività tad-data fl-istadju tal-iżvilupp tal-mudell f'termini ta' dan kollu li ġej:
 - (a) il-kamp ta' applikazzjoni;
 - (b) id-definizzjoni ta' inadempjenza;
 - (c) id-distribuzzjoni tal-karatteristiċi rilevanti tar-riskju;
 - (d) l-istandards tal-għoti ta' self u l-politiki ta' rkupru.

22. Jenħtieġ li għall-finijiet tal-paragrafu 21(a) , l-istituzzjonijiet janalizzaw is-segmentazzjoni tal-iskoperturi u jikkunsidraw jekk kienx hemm xi bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell ikkunsidrat matul il-perjodu kopert mid-data użata sabiex jiġi żviluppat il-mudell għall-assenjazzjoni ta' debituri jew skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet. Jenħtieġ li fejn ġew osservati tali bidliet, l-istituzzjonijiet janalizzaw il-motivaturi tar-riskju rilevanti għall-bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli billi jqabblu d-distribuzzjoni tagħhom fl-RDS qabel u wara l-bidla kif ukoll mad-distribuzzjoni ta' dawk il-motivaturi tar-riskju fil-portafoll tal-applikazzjoni. Jenħtieġ li għal dan il-għan l-istituzzjonijiet japplikaw metodoloġiji statistiċi bħall-analiżi tal-gruppi jew tekniki simili biex juru r-rappreżentattività. Fil-każ tal-mudelli aggregati, jenħtieġ li l-analiżi ssir fir-rigward tal-parti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli użata minn istituzzjoni.
23. Għall-finijiet tal-paragrafu 21(b) , jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li d-definizzjoni ta' inadempjenza li tiddetermina d-data użata għall-iżvilupp tal-mudell tkun konsistenti matul iż-żmien u, b'mod partikolari, li tkun konsistenti ma' dan kollu li ġej:
- (a) li jkunu saru aġġustamenti biex tinkiseb konsistenza mad-definizzjoni attwali ta' inadempjenza, fejn id-definizzjoni ta' inadempjenza tkun inbidlet matul il-perjodu ta' osservazzjoni;
 - (b) li l-istituzzjoni tkun adottat miżuri adegwati, fejn il-mudell ikopri skoperturi f'diversi ġurisdizzjonijiet li jkollhom jew li kellhom definizzjonijiet ta' inadempjenza differenti;
 - (c) li d-definizzjoni ta' inadempjenza f'kull sors tad-data tkun ġiet analizzata b'mod separat;
 - (d) li d-definizzjoni ta' inadempjenza użata sabiex jiġi żviluppat il-mudell ma jkollhiex impatt negattiv fuq l-istruttura u l-prestazzjoni tal-mudell ta' klassifikazzjoni, f'termini ta' differenzazzjoni tar-riskju u kapaċità ta' tbassir, fejn din id-definizzjoni tkun differenti mid-definizzjoni ta' inadempjenza li tintuża mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
24. Jenħtieġ li għall-finijiet tal-paragrafu 21(c) , l-istituzzjonijiet janalizzaw id-distribuzzjoni u l-firxa ta' valuri tal-karatteristiċi tar-riskju ewlenin tad-data li tintuża għall-iżvilupp tal-mudell għad-differenzazzjoni tar-riskju meta mqabbla mal-portafoll tal-applikazzjoni. Fir-rigward tal-mudelli tal-LGD, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu tali analiżi b'mod separat għal skoperturi inadempjenti u mhux inadempjenti.
25. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw ir-rappreżentattività tad-data f'termini tal-istruttura tal-portafoll skont il-karatteristiċi rilevanti tar-riskju bbażati fuq it-testijiet statistiċi speċifikati fil-politiki tagħhom sabiex jiġi żgurat li l-firxa ta' valuri osservati f'dawn il-karatteristiċi tar-riskju fil-portafoll tal-applikazzjoni tiġi riflessa b'mod adegwat fil-kampjun tal-iżvilupp. Meta l-applikazzjoni ta' testijiet statistiċi ma tkunx possibbli, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu mill-inqas analiżi kwalitattiva abbażi tal-istatistika deskrittiva tal-istruttura tal-portafoll, filwaqt li jikkunsidraw l-effetti ta' maturazzjoni possibbli msemmija fl-Artikolu 180(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta jqisu r-riżultati ta' din l-analiżi, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw is-sensittività tal-karatteristiċi tar-riskju għall-kundizzjonijiet ekonomiċi. Jenħtieġ li jiġu indirizzati differenzi materjali fil-karatteristiċi ewlenin tar-riskju bejn il-kampjun tad-data u l-

portafoll tal-applikazzjoni, pereżempju bl-użu ta' kampjun tad-data jew subgrupp ta' osservazzjonijiet ieħor, jew billi dawn il-karatteristiċi tar-riskju jiġu riflessi b'mod adegwat bħala motivaturi tar-riskju fil-mudell.

26. Għall-finijiet tal-paragrafu 21(d), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw jekk, matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika rilevanti, kienx hemm bidliet sinifikanti fl-istandards ttas-self jew fil-politiki tal-irkupru tagħhom jew fl-ambjent legali rilevanti, inklużi bidliet fil-liġi tal-insolvenza, proċeduri legali ta' esklużjoni u kwalunkwe regolamenti legali relatati mar-realizzazzjoni ta' kollaterali, li jistgħu jinfluwenzaw il-livell tar-riskju jew id-distribuzzjoni jew il-meded tal-karatteristiċi tar-riskju fil-portafoll kopert mill-mudell ikkunsidrat. Meta l-istituzzjonijiet josservaw tali bidliet, jenħtieġ li jqabblu d-data inkluża fl-RDS qabel u wara l-bidla tal-politika. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw il-komparabbiltà tal-istandards attwali ta' sottoskrizzjoni jew ta' rkupru ma' dawk applikati mal-osservazzjonijiet inklużi fl-RDS u użati għall-iżvilupp tal-mudell.
27. Fi ħdan il-mudell tal-PD, ir-rappreżentattività tad-data użata fl-iżvilupp tal-mudell għad-differenzazzjoni tar-riskju ma teħtieġx li l-proporzjon ta' skoperturi inadempjenti u mhux inadempjenti f'dan is-sett tad-data jkun daqs il-proporzjon ta' skoperturi inadempjenti u mhux inadempjenti fil-portafoll tal-applikazzjoni tal-istituzzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom għadd suffiċjenti ta' osservazzjonijiet inadempjenti u mhux inadempjenti fis-sett tad-data tal-iżvilupp u jiddokumentaw id-differenza.

4.2.4 Rappreżentattività tad-data għall-kalibrazzjoni tal-parametri tar-riskju

28. Sabiex l-istituzzjonijiet jiżguraw li d-data użata fil-kwantifikazzjoni tar-riskju tkun tirrappreżenta l-portafoll tal-applikazzjoni kopert mill-mudell rilevanti skont is-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 6 tal-Kapitolu 3 fil-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 45(2) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw il-komparabbiltà tad-data użata għall-kalkolu tar-rati ta' inadempjenza medji fuq perjodu twil jew LGDs medji fuq perjodu twil kif imsemmi fl-Artikolu 179(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, fejn rilevanti, ir-rappreżentattività tal-aggregazzjoni skont l-Artikolu 179(2)(b) ta' dak ir-Regolament, f'termini ta' dan kollu li ġej:
- (a) il-kamp ta' applikazzjoni;
 - (b) id-definizzjoni ta' inadempjenza;
 - (c) id-distribuzzjoni tal-karatteristiċi rilevanti tar-riskju;
 - (d) il-kundizzjonijiet ekonomiċi jew tas-suq attwali u prevedibbli;
 - (e) l-istandards tal-għoti ta' self u l-politiki ta' rkupru.
29. Għall-finijiet tal-paragrafu 28(a), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu analiżi kif speċifikat fil-paragrafu 22.

30. Għall-finijiet tal-paragrafu 28(b), u sabiex jiġi żgurat li d-definizzjoni ta' inadempjenza li tiddetermina d-data użata għall-kwantifikazzjoni tar-riskju minn kull sors tad-data tkun konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iqabblu d-definizzjoni ta' inadempjenza applikata mill-istituzzjoni bħalissa mad-definizzjonijiet użati għall-osservazzjonijiet inklużi fis-sett tad-data użat għall-kwantifikazzjoni tar-riskju. Meta d-definizzjoni ta' inadempjenza tinbidel matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw ir-rappreżentattività tad-data storika inkluża fl-RDS u li tintuża għall-kwantifikazzjoni tar-riskju bl-istess mod kif speċifikat għal data esterna fil-Kapitolu 6 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza taħt l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta d-definizzjoni ta' inadempjenza tinbidel aktar minn darba matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu l-analiżi ta' kull waħda mid-definizzjonijiet tal-passat ta' inadempjenza b' mod separat.
31. Għall-finijiet tal-paragrafu 28(c), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu analiżi xierqa sabiex jiżguraw li fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni, il-meded tal-valuri tal-karatteristiċi tar-riskju ewlenin fil-portafoll tal-applikazzjoni jkunu paragonabbli ma' daww fil-portafoll li jikkostitwixxi s-sett tad-data ta' referenza għall-kwantifikazzjoni tar-riskju sal-grad meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-kwantifikazzjoni tar-riskju tkun oġġettiva.
32. Għall-finijiet tal-paragrafu 28(d), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu l-analiżi tal-kundizzjonijiet tas-suq u ekonomiċi bbażati fuq id-data kif ġej:
- (a) fir-rigward tal-istima tal-PD, skont it-taqsim 5.3.4;
 - (b) fir-rigward tal-istima tal-LGD, skont it-taqsim 6.3.2 u filwaqt li titqies il-kunsiderazzjoni tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kif mitlub mill-Artikolu 181(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
33. Għall-finijiet tal-paragrafu 28(e), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw jekk kienx hemm bidliet sinifikanti fl-istandards tas-self jew fil-politiki tal-irkupru matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika rilevanti li jistgħu jinfluwenzaw il-livell tar-riskju jew id-distribuzzjoni jew il-meded tal-karatteristiċi tal-motivaturi tar-riskju rilevanti fil-portafoll kopert mill-mudell ikkunsidrat. Meta l-istituzzjonijiet josservaw tali bidliet, jenħtieġ li janalizzaw il-preġudizzju potenzjali fl-istimi tal-parametri tar-riskju li jirriżultaw minn dawn il-bidliet kif ġej:
- (a) fir-rigward tal-istima tal-PD, f'termini tal-livell tar-rati ta' inadempjenza u l-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza;
 - (b) fir-rigward tal-istima tal-LGD, f'termini ta' rati ta' telf, it-tul ta' żmien medju tal-proċessi ta' rkupru, il-frekwenzi tal-użu ta' ċerti xenarji ta' rkupru u d-distribuzzjonijiet ta' severità tat-telf.
34. Meta r-rappreżentattività tad-data vvalutata skont il-paragrafi 28 sa 33 ma tkunx biżżejjed u twassal għal preġudizzju jew żieda fl-inċertezza tal-kwantifikazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jintroduċu aġġustament xieraq sabiex jikkoreġu l-preġudizzju u japplikaw marġni ta' konservatiżmu skont it-taqsim 4.4.

4.3 Ġudizzju uman fl-istima tal-parametri tar-riskju

35. Sabiex l-istituzzjonijiet jikkomplementaw il-mudelli statistiċi tagħhom bil-ġudizzju uman, kif imsemmi fl-Artikoli 174(b), 174(e), 175(4), 179(1)(a) u 180(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li huma jagħmlu dan kollu li ġej:

- (a) jivvalutaw is-suppożizzjonijiet tal-immudellar u jekk il-motivaturi tar-riskju magħżula jikkontribwixxux għall-valutazzjoni tar-riskju f'konformità mat-tifsira ekonomika tagħhom;
- (b) janalizzaw l-impatt tal-ġudizzju uman fuq il-prestazzjoni tal-mudell u jiżguraw li kwalunkwe forma ta' ġudizzju uman tiġi ġġustifikata kif xieraq;
- (c) jiddokumentaw l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman fil-mudell, filwaqt li għall-inqas jinkludu l-kriterji għall-valutazzjoni, ir-raġuni, is-suppożizzjonijiet, l-esperti involuti u deskrizzjoni tal-proċess.

4.4 Trattament ta' nuqqasijiet u marġni ta' konservatiżmu

4.4.1 Identifikazzjoni ta' nuqqasijiet

36. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jidentifikaw in-nuqqasijiet kollha relatati mal-istima tal-parametri tar-riskju li jwasslu għal preġudizzju fil-kwantifikazzjoni ta' dawk il-parametri jew għal żieda fl-inċertezza li ma tiġix koperta bis-sħiħ mill-iżbalji fl-istima ġenerali, u jikklassifikaw kull nuqqas f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- (a) Kategorija A: Nuqqasijiet fid-data u nuqqasijiet metodoloġiċi identifikati;
- (b) Kategorija B: Bidliet rilevanti fl-istandards ta' sottoskrizzjoni, l-aptit għar-riskju, il-politiki tal-ġbir u rkupru u kwalunkwe sors ta' inċertezza addizzjonali ieħor.

37. Sabiex jiġu identifikati u klassifikati n-nuqqasijiet kollha msemmija fil-paragrafu 36, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw in-nuqqasijiet rilevanti kollha fil-metodi, fil-proċessi, fil-kontrolli, fid-data jew fis-sistemi tal-IT li ġew identifikati mill-unità għall-kontroll tar-riskji ta' kreditu, mill-funzjoni ta' validazzjoni, mill-uffiċċju tal-awditjar intern jew minn kwalunkwe revizzjoni interna jew esterna oħra u jenħtieġ ukoll li mill-inqas janalizzaw is-sorsi potenzjali kollha li ġejjin ta' inċertezza addizzjonali fil-kwantifikazzjoni tar-riskju:

- (a) taħt il-kategorija A:
 - (i) skattaturi tal-inadempjenza neqsin jew materjalment mibdula f'osservazzjonijiet storiċi, li jinkludu kriterji mibdula għar-rikonoxximent ta' obbligi ta' kreditu materjalment skaduti;
 - (ii) data tal-inadempjenza nieqsa jew mhux preċiża;

- (iii) assenzjazzjoni tal-klassifikazzjoni nieqsa, mhux preċiża jew skaduta użata għall-valutazzjoni ta' gradi jew aggregati storiċi sabiex jiġu kkalkolati r-rati ta' inadempjenza jew L-LGDs realizzati medji għal kull grad jew aggregazzjoni;
 - (iv) informazzjoni nieqsa jew mhux preċiża dwar is-sors tal-flussi tal-flus;
 - (v) data nieqsa, mhux preċiża jew skaduta dwar il-motivaturi tar-riskju u l-kriterji tal-klassifikazzjoni;
 - (vi) informazzjoni nieqsa jew mhux preċiża użata għall-istima ta' rkupri futuri, kif imsemmi fil-paragrafu 159.
 - (vii) data nieqsa jew mhux preċiża sabiex jiġi kkalkolat it-telf ekonomiku;
 - (viii) rappreżentattività limitata tal-osservazzjonijiet storiċi minħabba l-użu ta' data esterna;
 - (ix) preġudizzju potenzjali li jiġi mill-għażla tal-approċċ sabiex tiġi kkalkolata l-medja tar-rati ta' inadempjenza osservati fuq perjodu ta' sena, skont il-paragrafu 80.
 - (x) ħtieġa li tiġi aġġustata l-medja tar-rati ta' inadempjenza ta' sena osservati, skont il-paragrafu 86.
 - (xi) informazzjoni nieqsa sabiex jiġu stmati r-rati ta' telf jew sabiex jiġi rifless it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-istimi tal-LGD;
- (b) taħt il-kategorija B:
- (i) bidliet fl-istandards ta' sottoskrizzjoni, il-politiki tal-għbir u ta' rkupru, l-aptit għar-riskju jew proċessi interni oħra rilevanti;
 - (ii) devjazzjonijiet mhux iġġustifikati fil-meded ta' valuri tal-karatteristiċi tar-riskju ewlenin tal-portafoll tal-applikazzjoni mqabbla ma' daww tas-sett tad-data użati għall-kwantifikazzjoni tar-riskju;
 - (iii) bidliet fl-ambjent tas-suq jew dak legali;
 - (iv) aspettattivi li jħarsu 'l quddiem rigward bidliet potenzjali fl-istruttura tal-portafoll jew tal-livell tar-riskju, speċjalment daww ibbażati fuq azzjonijiet jew deċiżjonijiet li diġà jkunu ttieħdu iżda li ma jkunux riflessi fid-data osservata.

4.4.2 Aġġustament xieraq

38. Sabiex jegħlbu l-preġudizzji fl-istimi tal-parametri tar-riskju li jiġu min-nuqqasijiet identifikati msemmija fil-paragrafi 36 u 37, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw metodoloġiji adegwati biex jikkoreġu n-nuqqasijiet identifikati safejn ikun possibbli. L-impatt ta' dawn il-metodoloġiji fuq il-parametru tar-riskju ("aġġustament xieraq"), li għandu jirriżulta fi stima aktar preċiża tal-

parametru tar-riskju (“l-aħjar stima”), jirrappreżenta jew żieda jew tnaqqis fil-valur tal-parametru tar-riskju. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw u jipprovdu evidenza li l-applikazzjoni ta’ aġġustament xieraq tirriżulta fl-aħjar stima.

39. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddokumentaw il-metodi użati fl-applikazzjoni ta’ aġġustamenti xierqa għar-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati, fejn rilevanti, kif ukoll il-ġustifikazzjoni tagħhom.
40. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw regolarment l-adeqwatezza ta’ aġġustamenti xierqa. L-adozzjoni ta’ aġġustament xieraq mill-istituzzjonijiet ma għandhiex tissottiwixxi l-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati.

4.4.3 Marġni ta’ konservatiżmu

41. Fir-rigward tar-reqwiżit li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iżidu marġni ta’ konservatiżmu (“MoC”) li jkun relatat mal-medda mistennija ta’ żbalji fl-istima, kif mitlub mill-Artikoli 179(1)(f) u 180(1)(e) tar-Regolament (EU) No 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jimplimentaw qafas għall-kwantifikazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżbalji fl-istima.
42. L-MoC finali dwar stima tal-parametri tar-riskju jenħtieġ li tirrifletti l-inċertezza tal-istima fil-kategoriji kollha li ġejjin:

Kategorija A: MoC relatat ma’ nuqqasijiet fid-data u nuqqasijiet metodoloġiċi identifikati taħt il-kategorija A, kif imsemmi fil-paragrafu 36(a);

Kategorija B: MoC relatat mal-bidliet rilevanti fl-istandards tas-sottoskrizzjoni, l-aptit għar-riskju, il-politiki tal-ġbir u ta’ rkupru u kwalunkwe sors ieħor ta’ inċertezza addizzjonali identifikat taħt il-kategorija B, kif imsemmi fil-paragrafu 36(b);

Kategorija C: l-iżball fl-istima ġenerali.

43. Sabiex ikunu jistgħu jikkwantifikaw l-MoC, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħmlu dan kollu li ġej:
 - (a) jikkwantifikaw l-MoC għan-nuqqasijiet identifikati msemmija fil-paragrafi 36 u 37, safejn ma jkunx kopert mill-iżball fl-istima ġenerali, mill-inqas għal kull waħda mill-kategoriji A u B fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni, sabiex jiġi żgurat li:
 - (i) fejn jintużaw aġġustamenti xierqa fis-sens tal-paragrafu 38, l-MOC jikkunsidra kwalunkwe żieda fl-inċertezza jew żball addizzjonali fl-istima assoċjati ma’ dawn l-aġġustamenti;
 - (ii) l-MoC fil-livell tal-kategorija relatat mal-aġġustamenti xierqa jkun proporzjonat għall-inċertezza rigward dawn l-aġġustamenti;

- (iii) I-MoC jiġi applikat sabiex jindirizza l-inċertezza tal-istima tal-parametri tar-riskju li ġejja minn kwalunkwe nuqqas fost dawk imsemmija fil-paragrafi 36 u 37 li ma jkunux ġew korretti permezz ta' aġġustamenti xierqa, kif imsemmi fil-punt (i);
 - (b) jiġi kkwantifikat l-iżball fl-istima ġenerali tal-kategorija C imsemmi fil-paragrafu 42 assoċjat mal-metodu tal-istima sottostanti mill-inqas għal kull segment tal-kalibrazzjoni; jenħtieġ li l-MoC għall-iżball fl-istima ġenerali jirrifletti l-varjazzjoni tad-distribuzzjoni tal-istimatur statistiku.
44. Għall-finijiet tal-paragrafu 43(a) u għal kull waħda mill-kategoriji A u B, l-istituzzjonijiet jistgħu jaggruppaw in-nuqqasijiet kollha jew dawk magħżula, fejn ikun ġustifikat, għall-kwantifikazzjoni tal-MoC.
45. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkwantifikaw l-MoC finali bħala t-total ta':
- (a) l-MoC taħt il-kategorija A kif imsemmi fil-paragrafu 43(a);
 - (b) l-MoC taħt il-kategorija B kif imsemmi fil-paragrafu 43(a);
 - (c) l-MoC għall-iżball fl-istima ġenerali (kategorija C) kif imsemmi fil-paragrafu 43(b).
46. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iżidu l-MoC finali mal-aħjar stima tal-parametru tar-riskju.
47. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-impatt tal-MoC finali ma jirriżultax fit-tnaqqis tal-istimi tal-parametru tar-riskju u b'mod partikolari li:
- (a) l-MoC li ġej mill-iżball fl-istima ġenerali jkun akbar minn żero;
 - (b) l-MoC li ġej minn kull waħda mill-kategoriji A u B jkun proporzjonat għall-inċertezza miżjuda fl-aħjar stima tal-parametri tar-riskju kkawżata min-nuqqasijiet identifikati elenkati f'kull kategorija. F'kull każ, jenħtieġ li l-MoC taħt kull waħda mill-kategoriji A u B ikun akbar minn jew ugwali għal żero.
48. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-impatt ġenerali tan-nuqqasijiet identifikati u l-MoC finali li jirriżulta dwar is-saħħa tal-mudell u jiżguraw li l-istimi tal-parametri tar-riskju u r-rekwiżiti tal-fondi proprji li jirriżultaw ma jkunux imfixkla mill-ħtieġa għal aġġustamenti eċċessivi.
49. Għal kull sistema ta' klassifikazzjoni, jenħtieġ li l-MoC applikat jiġi ddokumentat fid-dokumentazzjoni tal-mudell u fil-manwali dwar il-metodoloġija rilevanti. Jenħtieġ li d-dokumentazzjoni tinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:
- (a) lista kompluta tan-nuqqasijiet kollha identifikati, inklużi l-iżbalji u l-inċertezzi, u l-komponenti tal-mudell jew il-parametri tar-riskju li potenzjalment jiġu affettwati;
 - (b) il-kategorija li taħtha jiġu klassifikati dawn in-nuqqasijiet, kif imsemmi fil-paragrafu 42;

- (c) deskrizzjoni tal-metodi għall-kwantifikazzjoni tal-MoC relatata man-nuqqasijiet identifikati, kif imsemmi fil-paragrafu 43(a) u b'mod partikolari l-metodoloġiji użati għall-kwantifikazzjoni tal-MOC għal kull kategorija.
50. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw il-livelli tal-MoC b'mod regolari. L-adozzjoni ta' MoC mill-istituzzjonijiet ma għandhiex tissostitwixxi l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi tal-iżballji jew tal-inċertezzi, jew li jiġu kkoreġuti l-mudelli sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tagħhom mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Wara valutazzjoni tan-nuqqasijiet jew tas-sorsi ta' inċertezza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżviluppaw pjan għar-rettifika tan-nuqqasijiet tad-data u n-nuqqasijiet metodoloġiċi kif ukoll kwalunkwe sors potenzjali ieħor ta' inċertezza addizzjonali u jnaqqsu l-iżballji fl-istima f'perjodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jikkunsidraw il-materjalità tal-iżball fl-istima u l-materjalità tas-sistema tal-klassifikazzjoni.
51. Meta jkunu qegħdin jirrevedu l-livelli tal-MoC, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw dan kollu li ġej:
- (a) li l-MoC li ġej mill-kategoriji A u B msemmija fil-paragrafi 36 u 37 jiġi inkluż fir-rappurtar intern b'mod separat għal kull kategorija u jista' jitnaqqas matul iż-żmien u eventualment jiġi eliminat, ladarba jiġu rettifikati n-nuqqasijiet kollha fil-partijiet kollha tas-sistema tal-klassifikazzjoni li ġew affettwati;
 - (b) li l-MoC li ġej mill-iżball fl-istima ġenerali msemmi fil-paragrafu 43(b) jiġi inkluż f' rappurtar intern f'kategorija separata ("C");
 - (c) li l-livell tal-MoC jiġi vvalutat bħala parti mir-reviżjonijiet regolari msemmija fil-Kapitolu 9, u b'mod partikolari li l-livell ta' MoC relatat mal-iżball fl-istima ġenerali jibqa' xieraq wara l-inklużjoni tal-aktar data riċenti rilevanti għall-istima tal-parametru tar-riskju.
52. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-bidliet meħtieġa fl-MoC jiġu implimentati f'waqthom.

5 Stima tal-PD

5.1 Rekwiżiti ġenerali speċifiċi għall-istima tal-PD

53. Sabiex jiġu assenjati debituri għal grad ta' debituri bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-kreditu, skont l-Artikolu 172(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll sabiex issir reviżjoni ta' dawk l-assenjazzjonijiet, skont l-Artikolu 173(1)(b) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li kull persuna fiżika jew ġuridika li għaliha teżisti skopertura tal-IRB tiġi klassifikata mill-istituzzjoni bil-mudell approvat li għandu jintuża fuq tip ta' skoperturi partikolari. Dan il-mudell jenħtieġ li jkun addattat għad-debitur oriġinali uniku fi ħdan is-sistema ta' klassifikazzjoni applikabbli, inklużi skoperturi garantiti minn protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, kif imsemmi fl-Artikolu 161(3) ta' dak ir-Regolament.
54. Sabiex jiġu assenjati skoperturi fil-livell tal-konsumatur għal grad jew aggregazzjoni bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-kreditu, skont l-Artikolu 172(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll sabiex issir reviżjoni ta' dawk l-assenjazzjonijiet, skont l-Artikolu 173(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li kull skopertura tal-IRB tiġi klassifikata mill-istituzzjoni bil-mudell approvat li għandu jintuża fuq tip ta' skoperturi partikolari. Dan il-mudell jenħtieġ li jkun addattat għad-debitur jew l-iskopertura oriġinali uniku/a fi ħdan is-sistema ta' klassifikazzjoni applikabbli, inklużi skoperturi garantiti minn protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, kif imsemmi fl-Artikolu 164(2) ta' dak ir-Regolament.
55. Mudell tal-PD jista' jinkludi diversi metodi differenti għall-klassifikazzjoni tad-debituri jew l-iskoperturi, kif ukoll diversi segmenti ta' kalibrazzjoni.

5.2 Żvilupp tal-mudell fl-istima tal-PD

5.2.1 Rekwiżiti tad-data speċifiċi għall-iżvilupp tal-mudell

56. Sabiex jiġi żviluppat il-mudell, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-RDS ikun fih il-valuri tal-motivaturi tar-riskju għal punti fiż-żmien xierqa. Dawn il-punti fiż-żmien jistgħu jvarjaw bejn motivatur tar-riskju u ieħor. Fl-għażla ta' punti fiż-żmien xierqa, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw id-dinamika kif ukoll il-frekwenza tal-aġġornament tal-motivaturi tar-riskju matul il-perjodu kollu li fih debitur kien fil-portafoll u, fil-każ ta' inadempjenza, matul is-sena ta' qabel l-inadempjenza.

5.2.2 Motivaturi tar-riskju u kriterji tal-klassifikazzjoni

57. Fil-proċess tal-għażla tal-motivaturi tar-riskju u tal-kriterji tal-klassifikazzjoni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw sett wiesa' ta' informazzjoni rilevanti għat-tip ta' skoperturi koperti mis-sistema tal-klassifikazzjoni. Il-motivaturi tar-riskju potenzjali analizzati mill-istituzzjonijiet jenħtieġ li jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

- (a) il-karatteristiċi tad-debitur, inkluż is-settur u l-lokalità ġeografika għal korporattivi;
 - (b) informazzjoni finanzjarja, inklużi rapporti finanzjarji jew rapporti tal-introjt;
 - (c) informazzjoni dwar ix-xejriet, inkluż bejgħ jew marġni tal-profitt li qed jikber jew li qed jiċkien;
 - (d) informazzjoni dwar l-imġiba, inkluża d-delinkwenza u l-użu ta' faċilitajiet ta' kreditu.
58. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li sabiex jintgħażlu l-motivaturi tar-riskju u l-kriterji tal-klassifikazzjoni, l-esperti rilevanti mill-oqsma tan-negozju tal-istituzzjoni jiġu kkonsultati fir-rigward tar-raġuni tan-negozju u l-kontribuzzjoni għar-riskju tal-motivaturi tar-riskju u tal-kriterji tal-klassifikazzjoni kkunsidrati.
59. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li t-tnaqqis fl-affidabbiltà tal-informazzjoni matul iż-żmien, pereżempju tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tad-debituri miksuba mal-orijini tas-self, jiġi rifless kif xieraq fl-istima tal-PD. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw ukoll li l-mudell jaġġi stima tal-livell xieraq tar-riskju fir-rigward tal-informazzjoni rilevanti kollha, li tkundisponibbli attwalment u l-aktar aġġornata, u li jiġi applikat MoC adegwat fejn ikun jeżisti grad ogħla ta' inċertezza minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni aġġornata. B'mod partikolari, il-proċess tal-mudell jew tal-assenjazzjoni jenħtieġ li jipprovi aġġustament adegwat u konservattiv fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:
- (a) skont l-Artikolu 24(1)(g) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, fil-każ ta' rapporti finanzjarji li jmorru lura aktar minn 24 xahar fejn l-informazzjoni li ġejja minn dawn ir-rapporti finanzjarji tkun motivatur tar-riskju rilevanti;
 - (b) fil-każ ta' informazzjoni dwar l-uffiċċji tal-kreditu li tmur lura aktar minn 24 xahar, jekk din tkun għadha rilevanti dak iż-żmien, fejn l-informazzjoni dwar l-uffiċċji tal-kreditu tkun motivatur tar-riskju rilevanti.
60. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw il-motivaturi tar-riskju u l-kriterji tal-klassifikazzjoni b'mod konsistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodu ta' żmien ikkunsidrat, fl-iżvilupp tal-mudelli, fil-kalibrazzjoni tal-mudell u fl-applikazzjoni tal-mudell.
61. Meta jkun hemm proporzjon sinifikanti ta' klijenti li jużaw faċilitajiet multipli tal-istess tip fi ħdan sistema tal-klassifikazzjoni fil-livell tal-konsumatur, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw il-livell tar-riskju ta' dawn il-konsumaturi meta mqabbel ma' dak tal-konsumaturi li jwettqu biss faċilità waħda tat-tip rilevanti u, fejn ikun meħtieġ, jirriflettu d-differenza fil-livell tar-riskju fil-mudell permezz ta' motivaturi tar-riskju xierqa.

5.2.3 Trattament ta' klassifikazzjonijiet ta' partijiet terzi

62. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom politiki ċari li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li skonthom il-klassifikazzjoni ta' parti terza li għandha relazzjoni kuntrattwali jew organizzattiva ma' debitur tal-istituzzjoni tista' tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tar-riskju tad-debitur ikkunsidrat. Jenħtieġ

li tali politiki jikkunsidraw il-modi possibbli li ġejjin li bihom il-klassifikazzjoni ta' parti terza tista' tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tar-riskju tad-debitur ikkunsidrat:

- (a) il-klassifikazzjoni ta' tali parti terza li tkun qed tiġi trasferita lil debitur rilevanti ("trasferiment tal-klassifikazzjoni"), fejn ma jkun hemm l-ebda differenza fir-riskju bejn id-debitur u l-parti relatata minħabba l-eżistenza ta' garanzija xierqa u l-klassifikazzjoni ta' parti terzi tiġi assenjata internament, skont is-sistema tal-klassifikazzjoni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess għaliha, skont l-Artikolu 143(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (b) il-klassifikazzjoni ta' tali parti terza li tkun qed tiġi kkunsidrata bħala indikazzjoni għal prevalazzjoni tal-assenjazzjoni tad-debitur rilevanti għal grad jew aggregazzjoni;
- (c) il-klassifikazzjoni ta' din il-parti terza li sservi bħala input għall-mudell tal-PD, li tirrifletti l-appoġġ kuntrattwali tal-parti relatata għad-debitur.

63. Sabiex il-klassifikazzjonijiet interni jew esterni ta' parti terza jiġu inkorporati f'mudell tal-PD, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw dan kollu li ġej:

- (a) li l-klassifikazzjoni ta' parti terza tissodisfa r-rekwiżiti kollha għall-motivaturi tar-riskju rilevanti stabbiliti fit-taqsim 5.2.2;
- (b) li karatteristiċi tar-riskju rilevanti oħra tad-debitur u tat-tranżazzjoni jiġu riflessi b'mod xieraq fil-mudell skont l-Artikoli 170(1)(a) u 170(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li l-ebda preġudizzju materjali ma jiġi introdotti permezz ta' ponderazzjoni għolja tal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni interna jew esterna;
- (c) li ma jkunx hemm għadd doppju tal-isforzi ta' kwalunkwe relazzjoni ma' partijiet terzi.

64. Trasferiment tal-klassifikazzjoni ma għandux ibiddel l-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal klassijiet ta' skoperturi, sistemi tal-klassifikazzjoni jew mudelli, iżda jenħtieġ li jaffettwa biss l-assenjazzjoni għal gradi jew aggregazzjonijiet. Jenħtieġ li t-trasferimenti tal-klassifikazzjoni jiġu stabbiliti b'tali mod li kwalunkwe bidla fi klassifikazzjoni ta' parti terza li tkun informazzjoni materjali fuq id-debitur jew l-iskopertura, fir-rigward tal-Artikolu 173(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tiġi riflessa fil-klassifikazzjonijiet influwenzati kollha f'waqtha.

65. Jenħtieġ li l-appoġġ kuntrattwali materjali li debitur jagħti lil parti terza jitqies bħala li jnaqqas is-saħħa finanzjarja ħielsa tad-debitur ta' appoġġ, inkluża s-saħħa li jħallas bis-sħiħ l-obbligi kollha lill-istituzzjoni. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fil-klassifikazzjoni tad-debitur ta' appoġġ.

5.2.4 Il-filosofija tal-klassifikazzjoni

66. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħżlu filosofija xierqa li tkun ibbażata fuq l-assenjazzjoni tad-debituri jew tal-iskoperturi lil gradi jew aggregazzjonijiet ("filosofija tal-klassifikazzjoni"), filwaqt li jikkunsidraw il-prinċipji kollha li ġejjin:

- (a) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw jekk il-metodu użat fil-kwantifikazzjoni tal-parametru tar-riskju jkunx adegwat għall-filosofija tal-klassifikazzjoni u jifhmu l-karatteristiċi u d-dinamika tal-assenjazzjoni tad-debituri jew tal-iskoperturi lil gradi jew aggregazzjonijiet (“assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni”) u tal-istimi tal-parametru tar-riskju li jirriżultaw mill-metodu użat.
- (b) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw l-adegwatezza tal-karatteristiċi u d-dinamika tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni li jirriżultaw u tal-istimi tal-parametru tar-riskju li jirriżultaw mill-metodu li jintuża, fir-rigward tal-użi diversi tagħhom u jifhmu l-impatt tagħhom fuq id-dinamika u l-volatilità tar-rekwiżiti tal-fondi proprji.
- (c) Jenħtieġ li l-filosofija tal-klassifikazzjoni tiġi kkunsidrata wkoll għal skopijiet ta' ttestjar retrospettiv. Il-filosofiji sensitivi għal kundizzjonijiet ekonomiċi għandhom it-tendenza li jagħtu stima ta' PDs li jagħtu previżjoni aħjar tar-rati ta' inadempjenza ta' kull sena. Min-naħa l-oħra, il-filosofiji inqas sensitivi għal kundizzjonijiet ekonomiċi għandhom it-tendenza li jagħtu stima ta' PDs li jkunu eqreb lejn il-PD medju fid-diversi stati tal-ekonomija, iżda li jvarjaw minn rati ta' inadempjenza osservati fis-sinjura fejn l-istat tal-ekonomija jkun fuq jew taħt il-medja tiegħu. Għalhekk, id-devjazzjonijiet bejn ir-rati ta' inadempjenza osservati u r-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil tal-grad rilevanti se jkunu aktar possibbli f'sistemi ta' klassifikazzjoni inqas sensitivi għal kundizzjonijiet ekonomiċi. B'kuntrast ma' dan, il-migrazzjonijiet bejn il-gradi se jkunu aktar possibbli f'sistemi ta' klassifikazzjoni li jkunu aktar sensitivi għal kundizzjonijiet ekonomiċi. Jenħtieġ li dawn il-mudelli jiġu kkunsidrati meta jkunu qegħdin jiġu vvalutati r-riżultati tal-ittestjar retrospettiv u, fejn ikun rilevanti, tal-analiżi komparattiva.
67. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw il-filosofija tal-klassifikazzjoni li tintgħażel matul iż-żmien. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw l-adegwatezza tal-filosofija li fuqha tkun ibbażata l-assenjazzjoni tad-debituri jew tal-iskoperturi lil gradi jew aggregazzjonijiet (“filosofija tal-klassifikazzjoni”), filwaqt li jikkunsidraw dan kollu li ġej:
- (a) tfassil tal-motivaturi tar-riskju;
- (b) migrazzjoni bejn gradi jew aggregazzjonijiet;
- (c) bidliet fir-rati annwali tal-inadempjenza ta' kull grad jew aggregazzjoni.
68. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw sistemi ta' klassifikazzjoni differenti karatterizzati minn filosofiji ta' klassifikazzjoni differenti, jenħtieġ li dawn jużaw l-informazzjoni dwar l-assenjazzjonijiet tal-klassifikazzjoni jew l-istimi tal-parametri tar-riskju b'attenzjoni, speċjalment meta jużaw informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni jew l-esperjenza ta' inadempjenza miksuba minn aġenziji ta' klassifikazzjoni esterni. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw sistemi ta' klassifikazzjoni differenti b'karatteristiċi differenti, b'filosofiji differenti jew livelli differenti ta' oġġettività, preċiżjoni, stabbiltà jew konservatiżmu, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' klassifikazzjoni jkollhom livell xieraq ta' konsistenza u li kwalunkwe differenza bejniethom tkun tintfiehew sew. Jenħtieġ li tali fehim mill-inqas jippermetti lill-istituzzjoni tiddefinixxi mod xieraq għat-taħlit jew l-

aggregazzjoni tal-informazzjoni prodotta mid-diversi sistemi ta' klassifikazzjoni meta din tkun meħtieġa, skont il-politiki tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom fehim sħiħ tas-suppożizzjonijiet u tal-ineżattezzi potenzjali li jirriżultaw minn dan it-taħlit jew aggregazzjoni.

5.2.5 Omoġeneità tal-gradji jew tal-aggregazzjonijiet tad-debituri

69. Sabiex l-istituzzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 170(1) u 170(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-Artikolu 38 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li dawn jivverifikaw l-omoġeneità tad-debituri jew tal-iskoperturi assenjati għall-istess gradi jew aggregazzjonijiet. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-gradji jiġu definiti b'tali mod li kull debitur fi ħdan kull grad jew aggregazzjoni jkollu riskju ta' inadempjenza raġonevolment simili u li jiġi evitat trikkib sinifikanti tad-distribuzzjonijiet tar-riskju ta' inadempjenza bejn il-gradji jew l-aggregazzjonijiet.

5.3 Kalibrazzjoni tal-PD

5.3.1 Rekwiżiti tad-data għall-kalkolu tar-rati ta' inadempjenza osservati

70. Sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' inadempjenza ta' sena definita fil-punt (78) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw il-kompletezza tad-data kwantitattiva u kwalitattiva u informazzjoni oħra relatata mad-denominatur u man-numeratur, kif deskritt fil-paragrafi 73 u 74 u użati għall-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza medja osservata. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li mill-inqas id-data li ġejja għall-perjodu ta' osservazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafi 82 sa 83 tinħażen kif xieraq u tkun disponibbli:

- (a) il-kriterji għall-identifikazzjoni tat-tip ta' skoperturi rilevanti koperti mill-mudell tal-PD ikkunsidrat;
- (b) il-kriterji għall-identifikazzjoni tas-segmenti tal-kalibrazzjoni;
- (c) il-motivaturi tar-riskju li jintużaw għad-differenzazzjoni tar-riskju; fejn motivatur tar-riskju rilevanti ġdid ikun ġie inkluż fil-mudell li għalih ma jkun hemm ebda data storika disponibbli, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħmlu sforz sabiex inaqqsu kemm jistgħu d-data nieqsa dwar il-motivaturi tar-riskju matul iż-żmien, kif deskritt fil-paragrafu 51(a), u japplikaw aġġustament xieraq u MoC skont it-taqsima 4.4;
- (d) in-numri kollha ta' identifikazzjoni tad-debituri u tal-iskoperturi rilevanti għall-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sitwazzjonijiet fejn in-numru tal-identifikazzjoni jkun inbidel matul iż-żmien, inklużi bidliet minħabba ristrutturar tal-iskoperturi.

71. Jenħtieġ li l-esklużjoni ta' osservazzjonijiet mill-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza ta' sena ssir biss fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) debituri inklużi bi żball fis-sett tad-data tal-inadempjenzi, peress li ma jkunux għamli inadempjenza fit-tifsira tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-

Regolament (UE) Nru 575/2013, kif speċifikat aktar fil-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza ta' debitur skont dak l-Artikolu ma għandhomx jiġu inklużi fin-numeratur tar-rata ta' inadempjenza ta' sena;

(b) id-debituri li ġew assenjati bi żball għall-mudell tal-klassifikazzjoni kkunsidrat, minkejja li ma jaqgħux fil-medda ta' applikazzjoni ta' dak il-mudell ta' klassifikazzjoni, jenħtieġ li jiġu esklużi kemm min-numeratur kif ukoll mid-denominatur tar-rata ta' inadempjenza ta' sena.

72. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddokumentaw it-tindif kollu tad-data, skont l-Artikolu 32(3)(b) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, fir-rigward tal-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza ta' sena u b'mod partikolari:

(a) għal mudelli ta' PD mhux tal-konsumaturi, lista tal-osservazzjonijiet kollha fi ħdan is-sett tad-data li ġew esklużi, skont il-paragrafu 71, b'ġustifikazzjoni ta' każ b'każ;

(b) għal mudelli tal-PD tal-konsumaturi, informazzjoni dwar ir-raġunijiet u l-kwantità tal-esklużjonijiet tal-osservazzjonijiet li saru skont il-paragrafu 71.

5.3.2 Kalkolu ta' rati ta' inadempjenza ta' sena

73. Sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' inadempjenza ta' sena msemmija fil-punt (78) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) li d-denominatur ikun jikkonsisti mill-għadd ta' debituri mhux inadempjenti bi kwalunkwe obbligu ta' kreditu osservat fil-bidu tal-perjodu ta' osservazzjoni ta' sena; f'dan il-kuntest obbligu ta' kreditu jirreferi għal dawn it-tnejn li ġejjin:

(i) kwalunkwe entrata li tidher fil-karta bilanċjali, inkluż kwalunkwe ammont ta' kapital, imgħax u tariffi;

(ii) kwalunkwe entrata li ma tidherx fil-karta bilanċjali, inklużi garanziji maħruġin mill-istituzzjoni bħala garanti.

(b) li n-numeratur jinkludi dawk id-debituri kollha kkunsidrati fid-denominatur li matul il-perjodu ta' osservazzjoni ta' sena kellhom mill-inqas avveniment ta' inadempjenza wieħed.

74. Meta l-istituzzjonijiet jkunu qegħdin jassenjaw id-debituri jew l-iskoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet għall-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza ta' sena, jenħtieġ li dawn jikkunsidraw il-prevalazzjonijiet, iżda f'din l-assenjazzjoni ma għandhom jirriflettu l-ebda effett ta' sostituzzjoni minħabba mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu, u lanqas xi aġġustament konservattiv ex post introdott skont it-taqsimha 8.1. Fejn ir-rata ta' inadempjenza ta' sena tiġi kkalkolata permezz ta' grad jew aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni, jenħtieġ li d-denominatur jirreferi għad-debituri kollha assenjati għal grad jew aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni fil-bidu tal-perjodu ta' osservazzjoni. Fejn ir-rata ta' inadempjenza ta' sena tiġi kkalkolata fil-livell tal-portafoll, jenħtieġ li d-denominatur jirreferi għad-debituri kollha assenjati għas-segment ta' kalibrizzjoni rilevanti fil-bidu tal-perjodu ta' osservazzjoni.

75. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rata ta' inadempjenza ta' sena anki għas-subgrupp ta' debitori b'xi obbligu ta' kreditu li fil-bidu tal-perjodu ta' osservazzjoni rilevanti ma kellhomx klassifikazzjoni, iżda li kienu jinsabu fil-medda ta' applikazzjoni tal-mudell ikkunsidrat ("klassifikazzjonijiet neqsin"), anki jekk dawn id-debituri ġew assenjati għal grad jew aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni b'mod konservattiv sabiex jiġu kkalkolati r-reqwiżiti tal-fondi proprji. Id-debituri li l-klassifikazzjonijiet tagħhom ikunu bbażati fuq informazzjoni nieqsa jew parzjalment nieqsa jew fejn il-klassifikazzjoni tkun skadiet iżda għadha titqies valida mill-istituzzjoni ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala klassifikazzjonijiet neqsin.
76. Għall-finijiet tal-paragrafi 73 sa 75, jenħtieġ li debitur jiġi inkluż fid-denominatur u, fejn rilevanti, fin-numeratur, anki fil-każ ta' migrazzjoni għal skala ta' klassifikazzjoni, aggregazzjoni jew mudell ta' klassifikazzjoni differenti, sistema ta' klassifikazzjoni jew approċċ għall-kalkolu tar-reqwiżiti kapitali fil-perjodu ta' osservazzjoni jew fejn l-obbligi ta' kreditu korrispondenti kienu nbiegħu, tħassru, tħallu lura jew inkella ġew magħluqa matul il-perjodu ta' osservazzjoni. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw jekk dawn il-migrazzjonijiet jew il-bejgħ tal-obbligi ta' kreditu jippreġudikawx ir-rata ta' inadempjenza u, jekk iva, huma jirriflettu dan f'aġġustament xieraq u jikkunsidraw MoC adegwat.
77. F'kull każ, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li kull debitur inadempjenti jingħadd darba biss fin-numeratur u fid-denominatur tal-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza ta' sena, anki fejn id-debitur kien sar inadempjenti aktar minn darba matul il-perjodu ta' sena rilevanti.
78. Sabiex jagħżlu approċċ ta' kalkolu xieraq kif meħtieġ bil-paragrafu 80, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jevalwaw ir-rati ta' inadempjenza ta' sena osservati fil-perjodu ta' osservazzjoni storika mill-inqas darba kull trimestru.

5.3.3 Kalkolu tar-rata ta' inadempjenza medja osservata

79. Ir-rati ta' inadempjenza ta' medja ta' sena osservati ("rata ta' inadempjenza medja osservata") jenħtieġ li jiġu kkalkolati għal kull grad jew aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni u, barra minn hekk, għat-tip ta' skoperturi koperti mill-mudell rilevanti tal-PD kif ukoll għal kwalunkwe segment tal-kalibrazzjoni rilevanti.
80. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħżlu approċċ xieraq bejn approċċ ibbażat fuq it-trikkib u approċċ ibbażat fuq perjodu ta' żmien ta' sena li ma jirkbux 'il xulxin, sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' inadempjenza medja osservata bbażata fuq analiżi dokumentata. Jenħtieġ li din l-analiżi tinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:
- (a) analiżi tal-preġudizzju possibbli minħabba l-proporzjon ta' kuntratti fuq perjodu qasir u mitmuma li ma jistgħux jiġu osservati matul il-perjodi ta' sena rilevanti;
 - (b) analiżi tal-preġudizzju possibbli minħabba d-dati tal-kalkolu speċifiċi li ntgħażlu;
 - (c) għall-istituzzjonijiet li jużaw perjodi ta' żmien ta' sena li jirkbu 'l xulxin, analiżi tal-preġudizzju potenzjalment sinifikanti minħabba ppeżar żejjed impliċitu tal-perjodu ta' żmien ta' trikkib;

(d) analiżi tal-preġudizzju potenzjalment sinifikanti minħabba effetti staġunali relatati mad-dati tal-kalkolu li ntgħażlu.

81. Għall-finijiet tal-paragrafi 79 u 80, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rati ta' inadempjenza medji osservati bħala l-medja aritmetika tar-rati ta' inadempjenza ta' sena kollha kkalkolati skont il-paragrafi 73 sa 76. Fil-każ ta' mudelli tal-PD għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkolaw ir-rata ta' inadempjenza medja osservata bħala medja ppeżata ta' rati ta' inadempjenza ta' sena fejn istituzzjoni ma tagħtix l-istess importanza lil data storika għaliex data aktar riċenti tbassar aħjar it-telf, skont l-Artikolu 180(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5.3.4 Rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil

82. Sabiex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' osservazzjoni storika msemmi fl-Artikolu 180(1)(h) u 180(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, osservazzjonijiet addizzjonali għall-aktar 5 snin riċenti, waqt il-kalibrazzjoni tal-mudell, jenħtieġ li jitqiesu rilevanti meta dawn l-osservazzjonijiet ikunu meħtieġa sabiex il-perjodu ta' osservazzjoni storika jirrifletti l-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza ta' dak it-tip ta' skoperturi, kif imsemmi fl-Artikolu 49(3) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB.

83. Sabiex tiġi vvalutata r-rappreżentattività tal-perjodu ta' osservazzjoni storika msemmi fil-paragrafu 82 għall-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza ta' sena, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw jekk il-perjodu ta' osservazzjoni storika jkunx fih taħlita rappreżentattiva ta' snin tajbin u snin ħżiena, u jikkunsidraw dan kollu li ġej:

(a) il-varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza ta' sena osservati kollha;

(b) l-eżistenza, in-nuqqas jew il-prevalenza ta' rati ta' inadempjenza ta' sena relatati ma' snin ħżiena, kif rifless mill-indikaturi ekonomiċi li huma rilevanti għat-tip ta' skoperturi kkunsidrati fil-perjodu ta' osservazzjoni storika;

(c) bidliet sinifikanti fl-ambjent ekonomiku, legali jew tan-negozju fil-perjodu ta' osservazzjoni storika.

84. Fejn il-perjodu ta' osservazzjoni storika msemmi fil-paragrafu 82 jirrappreżenta l-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza, ir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil jenħtieġ li tiġi kkalkolata bħala l-medda osservata tar-rati ta' inadempjenza ta' sena f'dak il-perjodu.

85. Fejn il-perjodu ta' osservazzjoni storika msemmi fil-paragrafu 82 ma jirrappreżentax il-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza, kif imsemmi fl-Artikolu 49(4) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw dan li ġej:

- (a) fejn fil-perjodu ta' osservazzjoni storika ma jiġux inklużi snin ħżiena jew ma jiġux inklużi biżżejjed snin ħżiena, il-medja tar-rati ta' inadempjenza ta' sena osservati jenħtieġ li tiġi aġġustata sabiex tagħti stima ta' rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil;
- (b) fejn is-snin ħżiena jiġu rrappreżentati żżejjed fil-perjodu ta' osservazzjoni storika, il-medja tar-rati ta' inadempjenza ta' sena osservati tista' tiġi aġġustata sabiex tagħti stima ta' rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil fejn ikun hemm korrelazzjoni sinifikanti bejn l-indikaturi ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 83(b) u r-rati ta' inadempjenza ta' sena disponibbli.

Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li, bħala riżultat tal-aġġustamenti msemmija fil-punti (a) u (b), ir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil aġġustata tirrifletti l-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza.

86. Fil-każ eċċezzjonali fejn ir-rata ta' inadempjenza fuq perjodu twil tkun aktar baxxa mill-medja tar-rati ta' inadempjenza ta' sena osservati kollha minħabba xi aġġustament li jkun sar skont il-paragrafu 85, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iqabblu r-rati ta' inadempjenza medji fuq perjodu twil bl-ogħla ta' dawn li ġejjin:

- (a) il-medja osservata tar-rati ta' inadempjenza ta' sena tal-aktar 5 snin riċenti;
- (b) il-medja osservata tar-rati ta' inadempjenza ta' sena disponibbli kollha.

jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiġġustifikaw id-direzzjoni u d-daqs tal-aġġustament, inkluża l-adeqwatezza tal-MoC ikkunsidrat, f'konformità mar-rekwiżit fl-Artikolu 49(4)(b) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB u t-taqsimu 4.4. Barra minn dan, fejn ir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil aġġustata tkun aktar baxxa mill-ogħla valur taż-żewġ valuri msemmija fil-punti (a) u (b), jenħtieġ li jiġġustifikaw b'mod speċifiku għaliex dawn iż-żewġ valuri ma jkunux xierqa.

5.3.5 Kalibrazzjoni għar-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil

87. Jenħtieġ li j-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċessi b'saħħithom u definiti sew li jiżguraw kalibrazzjoni b'saħħitha billi jinkludu dawn kollha li ġejjin fil-proċess tal-kalibrazzjoni tagħhom:

- (a) testijiet ta' kalibrazzjoni kwantitattiva permezz tal-grad jew aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni;
- (b) testijiet ta' kalibrazzjoni kwantitattiva fuq livell ta' segment tal-kalibrazzjoni;
- (c) analiżijiet kwalitattivi supplimentari, bħal ġudizzji esperti dwar il-forma tad-distribuzzjoni tad-debituri li tirriżulta, l-għadd minimu ta' debituri għal kull grad u l-evitar ta' konċentrazzjoni mhux dovuta f'ċerti gradi jew aggregazzjonijiet.

88. Jenħtieġ li fid-dokumentazzjoni tal-mudell tal-PD l-istituzzjonijiet jaħżnu u jiddeskrivu l-kampjun tal-kalibrazzjoni assoċjat ma' kull segment tal-kalibrazzjoni. Sabiex tiġi żgurata konformità mal-Artikolu 180(1)(a) jew 180(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li

L-istituzzjonijiet isibu bilanċ xieraq bejn il-komparabbiltà tal-kampjun tal-kalibrazzjoni mal-portafoll tal-applikazzjoni f'termini tal-karatteristiċi tad-debitur u tat-tranżazzjoni u r-rappreżentattività tiegħu tal-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza, kif imsemmi fit-taqsim 5.3.4.

89. Jenġtieg li l-istituzzjonijiet iwettqu l-kalibrazzjoni wara li jkunu kkunsidraw kwalunkwe prevalazzjoni li tkun ġiet applikata fl-assenjazzjoni tad-debituri għal gradi jew aggregazzjonijiet, u qabel l-applikazzjoni ta' MoC jew limiti għal stimi tal-PD, kif imsemmi fl-Artikoli 160(1) u 163(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Fejn metodu ta' klassifikazzjoni jew politika ta' prevalazzjoni jkun/tkun inbidel/inbidlet matul iż-żmien, jenġtieg li l-istituzzjonijiet janalizzaw l-effetti ta' dawk il-bidliet fuq il-frekwenza u l-kamp ta' applikazzjoni tal-prevalazzjonijiet u jikkunsidrawhom b'mod xieraq.
90. Il-proċess tal-raggruppar ta' debituri jew skoperturi klassifikati għal gradi jew aggregazzjonijiet, b'mod partikolari fejn l-istituzzjonijiet iwettqu dan ir-raggruppar permezz tal-identifikazzjoni ta' intervalli ta' valuri tal-punti li jirriflettu livell tal-PD definit minn qabel assenjat għal grad ta' skala prinċipjali, jista' jsir matul il-kalibrazzjoni.
91. Filwaqt li jikkunsidraw id-disponibbiltà tad-data, l-istruttura tal-mudell u tal-portafoll, kif ukoll ir-rekwiżiti tan-negożju, jenġtieg li l-istituzzjonijiet jagħżlu metodu xieraq biex iwettqu l-kalibrazzjoni skont il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu wieħed mit-tipi ta' kalibrazzjoni li ġejjin:
 - (i) kalibrazzjoni skont l-Artikolu 180(1)(a) jew 180(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (ii) kalibrazzjoni skont l-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 flimkien mal-Artikolu 180(1)(a) jew 180(2)(a) tar-Regolament, jekk tintuża skala ta' klassifikazzjoni kontinwa;
 - (b) għal skoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali għal skoperturi ta' ekwità, fejn istituzzjoni tuża l-approċċ tal-PD/LDG stipulat fl-Artikolu 155(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu wieħed mit-tipi ta' kalibrazzjoni li ġejjin:
 - (i) kalibrazzjoni bbaża fuq assoċjazzjoni għall-iskala tal-klassifikazzjoni li tintuża minn istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) jew organizzazzjoni simili skont l-Artikolu 180(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (ii) għal mudell statistiku ta' tbassir tal-inadempjenza, skont it-Taqsim 4 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, fejn il-PDs jiġu stmati bħala medji sempliċi tal-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza għal debituri individwali fi grad jew aggregazzjoni partikolari, skont l-Artikolu 180(1)(g) tar-Regolament (UE)

Nru 575/2013, kalibrazzjoni fil-livell ta' segmenti tal-kalibrazzjoni xierqa tal-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza rilevanti;

- (c) għal skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu kalibrazzjoni bbażata fuq it-telf u l-LGDs totali, skont l-Artikoli 180(2)(b) u 180(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (d) għal riċevibbli korporattivi mixtrija, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu kalibrazzjoni bbażata fuq it-telf u l-LGDs mistennija, skont l-Artikoli 180(1)(b) u 180(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

92. Sabiex jiġu ddeterminati l-istimi tal-PD msemmija fil-paragrafu 91, jenħtieġ li l-kalibrazzjoni jikkunsidra jew:

- (a) ir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil fil-livell tal-grad jew tal-aggregazzjoni, li f'dan il-każ jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jipprovdu testijiet addizzjonali ta' kalibrazzjoni fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni rilevanti; jew
- (b) ir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni, li f'dan il-każ jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jipprovdu testijiet addizzjonali ta' kalibrazzjoni fil-livell tal-grad jew tal-aggregazzjonijiet rilevanti jew, fejn jużaw stimi diretti tal-PD skont l-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'livell li jkun xieraq għall-applikazzjoni tal-mudell ta' probabbiltà.

93. Irrispettivament mill-approċċi msemmija fil-paragrafu 92 li l-istituzzjonijiet jagħżlu, huma jenħtieġ li jivvalutaw l-effett potenzjali tal-metodu tal-kalibrazzjoni li jintgħażel fuq l-imġiba tal-istimi tal-PD matul iż-żmien.

94. Sabiex jiġu ddeterminati l-istimi tal-PD bbażati fuq assoċjazzjoni għal skala ta' klassifikazzjoni esterna, kif imsemmi fil-paragrafu 91(b) ((i)), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jibbażaw ir-rati ta' inadempjenza osservati għall-grad tal-organizzazzjoni esterna fuq serje ta' ħinijiet li jirrappreżentaw il-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza għall-grad u l-aggregazzjonijiet tal-portafoll partikolari.

95. Fejn l-istituzzjonijiet jidderivaw l-istimi tal-PD mill-istimi tat-telf u tal-LGDs skont l-Artikoli 161(2) u 180(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li jużaw RDS li jinkludi t-telf realizzat fuq l-inadempjenzi kollha identifikati matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika speċifikat skont it-taqsimha 6.3.2.1 u l-motivaturi rilevanti tat-telf.

96. Sabiex jintużaw stimi diretti tal-PD għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji skont l-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet juru li s-suppożizzjonijiet teoretiċi tal-mudell tal-probabbiltà li jkunu bbażati fuq il-metodoloġija tal-istima jiġu ssodisfati sa punt suffiċjenti fil-prattika u li tinżamm ir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha dwar id-data u r-rappreżentattività, inklużi dawk fl-Artikolu 174(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u tiġi

applikata d-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-użu ta' PDs kontinwi jew kwalunkwe livellar tar-rati ta' inadempjenza sabiex jingħelbu n-nuqqas ta' data, kapaċità diskriminatorja baxxa jew kwalunkwe nuqqas ieħor fl-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni jew fil-proċess tal-istima tal-PD, jew sabiex jitnaqqsu r-rekwiżiti tal-fondi proprji ma għandu jiġi adottat taħt l-ebda ċirkostanza.

97. L-istituzzjonijiet jistgħu jaqsmu l-iskoperturi koperti mill-istess mudell tal-PD f'ħafna segmenti tal-kalibrazzjoni differenti skont kif ikun meħtieġ, fejn subgrupp wieħed jew aktar ta' dawn l-iskoperturi jgħorru livell ta' riskju differenti b'mod sinifikanti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw motivaturi rilevanti ta' segmentazzjoni u jiġġustifikaw u jiddokumentaw l-użu u l-kamp ta' applikazzjoni tas-segment tal-kalibrazzjoni.

98. Fejn jintużaw metodi ta' għoti ta' punteġġ, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li:

(a) fejn ikun hemm bidla fil-metodu tal-għoti ta' punteġġ li jintuża, l-istituzzjonijiet jikkunsidraw jekk ikunx meħtieġ li jiġu kkalkolati mill-ġdid il-punteġġi tad-debituri jew tal-iskoperturi abbażi tas-sett tad-data oriġinali minflok ma jintużaw punteġġi li kienu ġew ikkalkolati abbażi ta' verżjonijiet preċedenti tal-metodu tal-għoti ta' punteġġ, u, fejn dan il-kalkolu mill-ġdid ma jkunx possibbli, li l-istituzzjonijiet jivvalutaw l-effetti potenzjali u jikkunsidraw dawk l-effetti permezz ta' żieda xierqa tal-MoC għall-istimi tagħhom tal-PD;

(b) fejn japplika l-Artikolu 180(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istimi tal-PD li kienu ġew idderivati b'ħala medja sempliċi ta' stimi individwali tal-PD ikunu adegwati għal gradi rilevanti, permezz tal-applikazzjoni ta' testijiet tal-kalibrazzjoni għal dawn l-istimi f'livell ta' grad, abbażi tar-rati ta' inadempjenza ta' sena li jirrappreżentaw il-medda probabbli ta' varjabbiltà tar-rati ta' inadempjenza.

99. Il-kalibrazzjoni ma għandhiex tinfluwenza l-ordni tal-klassifikazzjoni tad-debituri jew tal-iskoperturi f'segment tal-kalibrazzjoni, għajr f'kull grad jew aggregazzjoni.

6 Stima tal-LGD

6.1 Rekwiżiti ġenerali speċifiċi għall-istima tal-LGD

6.1.1 Metodoloġiji tal-istima tal-LGD

100. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet li kisbu l-permess li jużaw l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jassenjaw stima tal-LGD għal kull skopertura mhux inadempjenti u stima tal-LGD fl-inadempjenza u EL_{BE} għal kull skopertura f'inadempjenza fil-medda ta' applikazzjoni tas-sistema tal-klassifikazzjoni soġġetta għal dan il-permess skont l-Artikoli 172 u 173 tar-Regolament (EU) Nru 575/2013. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jagħtu stima tal-LGDs għal kull grad ta' faċilità tal-iskala distinta ta' klassifikazzjoni tal-faċilitajiet jew għall-aggregazzjonijiet kollha li jkunu inkorporati fis-sistema tal-klassifikazzjoni. Sabiex jiġi stmat l-LGD, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jittrattaw kull faċilità f'inadempjenza bħala osservazzjoni distinta ta' inadempjenza, sakemm ma tkunx ġiet rikonossuta aktar minn inadempjenza indipendenti waħda fuq faċilità waħda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 101.
101. Sabiex jiġi stmat l-LGD, fir-rigward ta' inadempjenzi rikonossuti fuq faċilità waħda, fejn iż-żmien bejn il-mument tar-ritorn tal-iskopertura għal stat mhux inadempjenti u l-klassifikazzjoni sussegwenti bħala inadempjenti jkun iqsar minn disa' xhur, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jittrattaw din l-iskopertura bħala li kienet il-ħin kollu inadempjenti mill-ewwel mument minn meta seħħet l-inadempjenza. L-istituzzjonijiet jistgħu jispeċifikaw perjodu itwal minn disa' xhur sabiex iż-żewġ inadempjenzi sussegwenti jiġu kkunsidrati bħala inadempjenza waħda fl-istima tal-LGD, jekk din tkun adegwata għat-tip speċifiku ta' skoperturi u tirrifletti t-tifsira ekonomika tal-esperjenza ta' inadempjenza.
102. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jagħtu stima tal-LGDs tagħhom stess abbażi tel-esperjenza tat-telf u tal-irkupru tagħhom stess, kif rifless fid-data storika dwar l-iskoperturi inadempjenti. L-istituzzjonijiet jistgħu jissupplimentaw id-data storika tagħhom stess dwar l-iskoperturi inadempjenti b'data esterna. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jidderivaw l-istimi tagħhom tal-LGD biss mill-prezzijiet fis-suq tal-istrumenti finanzjarji, inklużi, iżda mhux limitati għal, self, bonds jew strumenti ta' inadempjenza tal-kreditu kummerċjabbli, iżda jistgħu jużaw din l-informazzjoni biex jissupplimentaw id-data storika tagħhom stess.
103. Fejn fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumaturi u riċevibbli korporattivi mixtrija, l-istituzzjonijiet jidderivaw l-istimi tal-LGD minn telf realizat u minn stimi xierqa tal-PDs skont l-Artikoli 161(2) u 181(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtiegħ li huma jiżguraw li:
- il-proċess sabiex jiġi stmat it-telf totali jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 179 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li r-riżultat ikun konsistenti mal-kunċett ta' LGD kif stipulat fl-Artikolu 181(1)(a) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll mar-rekwiżiti speċifikati fil-Kapitolu 6, b'mod partikolari mal-kunċett ta' telf ekonomiku, kif speċifikat fit-taqsimha 6.3.1;

(b) il-proċess sabiex jiġi stmat il-PD jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 179 u 180 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll ir-rekwiżiti speċifikati fil-Kapitolu 5.

104. Mudell tal-LGD jista' jinkludi diversi metodi differenti, speċjalment fir-rigward ta' tipi differenti ta' kollateral, li jitħalltu flimkien sabiex jintlaħaq LGD għal faċilità partikolari.

105. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu kapaċi juru li l-metodi li huma jagħżlu sabiex jiġi stmat l-LGD ikunu xierqa għall-attivitajiet tagħhom u għat-tip ta' skoperturi li għalihom japplikaw l-istima u jkunu kapaċi jiġġustifikaw is-suppożizzjonijiet teoretiċi li jkunu bbażati fuq dawg il-metodi. Jenħtieġ li l-metodi li jintużaw fl-istima tal-LGD b'mod partikolari jkunu konsistenti mal-politiki tal-għbir u ta' rkupru addottati mill-istituzzjoni u jikkunsidraw xenarji ta' rkupru possibbli kif ukoll differenzi potenzjali fl-ambjent legali fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti.

106. Jenħtieġ li l-metodi li jintużaw mill-istituzzjoni fl-istima tal-LGD, is-suppożizzjonijiet li jkunu bbażati fuq dawn il-metodi, il-kunsiderazzjoni tal-istituzzjoni ta' kwalunkwe effett ta' tnaqqis, it-tul tas-serje tad-data li tintuża, l-MoC, il-ġudizzju uman u, fejn ikun applikabbli, l-għażla tal-motivaturi tar-riskju jkunu adegwati għat-tip ta' skoperturi li jiġu applikati għalihom.

6.1.2 Rekwiżiti tad-data għall-istima tal-LGD

107. Sabiex jiġi stmat l-LGD, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw RDS li jkopri l-elementi kollha li ġejjin:

(a) l-inadempjenzi kollha identifikati matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika speċifikat skont it-taqsim 6.3.2.1;

(b) id-data kollha meħtieġa sabiex jiġu kkalkolati l-LDGs realizzati skont it-taqsim 6.3.1;

(c) il-fatturi rilevanti li jistgħu jintużaw biex l-iskoperturi inadempjenti jiġu raggruppati f'modi sinifikanti u l-motivaturi rilevanti tat-telf, inklużi l-valuri tagħhom waqt l-inadempjenza u mill-inqas fis-sena ta' qabel l-inadempjenza, meta jkunu disponibbli.

108. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu fl-RDS informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proċessi ta' rkupru, inklużi l-irkupri u l-ispejjeż, relatati ma' kull skopertura inadempjenti individwali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu:

(a) informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proċessi ta' rkupru mhux kompluti sad-data ta' referenza għall-istima tal-LGD;

(b) informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proċessi ta' rkupru fil-livell tal-portafoll, fejn din l-aggregazzjoni tal-informazzjoni tkun iġġustifikata, u b'mod partikolari fil-każ ta' spejjeż indiretti u l-bejgħ ta' portafoll ta' obbligi tal-kreditu.

(c) informazzjoni dwar data esterna jew aggregata li tintuża fl-istima tal-LGDs.

109. Jenħtieġ li l-RDS jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) karatteristiċi tar-riskju relatati mad-debitur, mat-tranżazzjoni u mal-istituzzjoni kif ukoll fatturi esterni, kif imsemmi fil-paragrafu 121, li jkunu motivaturi potenzjali tar-riskju fid-dati ta' referenza rilevanti kif speċifikat fil-paragrafu 122;
 - (b) mument (data) tal-inadempjenza;
 - (c) l-iskattatturi inadempjenti kollha li jkunu seħħew, inklużi kemm l-avvenimenti skaduti kif ukoll l-improbabbiltà li jitħallsu l-avvenimenti, anki wara l-identifikazzjoni tal-inadempjenza; fil-każ ta' skoperturi soġġetti għal ristrutturar ta' diffikultà, l-ammont li bih l-obbligu finanzjarju jkun naqas ikkalkolat skont il-Linji Gwida tal-EBA dwar id-definizzjoni ta' inadempjenza;
 - (d) l-ammont pendenti tal-iskopertura waqt l-inadempjenza, inklużi l-kapital, l-imgħax u t-tariffi;
 - (e) l-ammonti u l-għażla taż-żmien tal-għbid addizzjonali wara l-inadempjenza;
 - (f) l-ammonti u l-għażla taż-żmien tat-tħassir;
 - (g) il-valuri tal-kollaterali assoċjati mal-iskopertura u, fejn ikun applikabbli, it-tip ta' valutazzjoni (bħall-valur fis-suq jew il-valur tas-self ipotekarju kif definit fil-punti (74) u (76) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013), id-data ta' valutazzjoni, twissija dwar jekk il-kollateral ikunx inbiegħ u l-prezz tal-bejgħ;
 - (h) informazzjoni dwar kull dipendenza bejn ir-riskju tad-debitur u r-riskju tal-kollateral jew tal-fornitur tal-kollateral;
 - (i) it-tipi, l-ammonti u l-maturitajiet tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, inklużi l-ispeċifikazzjoni u l-kwalità tal-kreditu tal-fornitur tal-protezzjoni;
 - (j) l-ammonti, l-għażla taż-żmien u s-sorsi ta' rkupru;
 - (k) l-ammonti, l-għażla taż-żmien u s-sorsi tal-ispejjeż diretti assoċjati mal-proċessi ta' rkupru;
 - (l) identifikazzjoni ċara tat-tip ta' terminazzjoni tal-proċess ta' rkupru;
 - (m) fejn ikun applikabbli, diskrepanzi fil-muniti bejn tnejn jew aktar mill-elementi li ġejjin: l-unità monetarja li tintuża mill-istituzzjoni għal dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-obbligu sottostanti, kwalunkwe protezzjoni tal-kreditu iffinanzjata jew mhux iffinanzjata u kwalunkwe fluss tal-flus mil-likwidazzjoni tal-assi tad-debitur;
 - (n) l-ammont ta' telf realizzat.
110. Skont l-Artikolu 229(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw diversi metodi għall-valutazzjoni tal-kollateral fil-forma ta' proprjetà immobbli, inkluż, b'mod partikolari, il-valur fis-suq jew il-valur tas-self ipotekarju kif iddefinit fil-punti (74) u (76) tal-

Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw diversi approċċi ta' valutazzjoni fir-rigward ta' proprjetajiet immobbli li jassiguraw l-iskoperturi inklużi fil-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni partikolari, jenħtiegħ li jiġbru u jaħżnu l-informazzjoni dwar it-tip ta' valutazzjoni fl-RDS u jużaw din l-informazzjoni b'mod konsistenti fl-istima tal-LGD u fl-applikazzjoni tal-istimi tal-LGD.

111. Fejn l-istituzzjonijiet jidderivaw l-istimi tal-LGD mit-telf realizzati u mill-istimi xierqa tal-PDs skont l-Artikoli 161(2) u 181(2)(a) tar-Regolament (UE) 575/2013, huma jenħtiegħ li jużaw RDS li jinkludi t-telf realizzati fuq l-inadempjenzi kollha identifikati matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika speċifikat skont it-taqsimha 6.3.2.1 u l-motivaturi rilevanti tat-telf.
112. Fejn informazzjoni aggregata tinġabar u tinħażen, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jiżviluppaw metodoloġija xierqa għall-allokazzjoni tal-irkupri u tal-ispejjeż għal skoperturi individwali inadempjenti u japplikaw din il-metodoloġija b'mod konsistenti fil-koperturi u matul iż-żmien. F'kull każ, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet juru li l-proċess tal-allokazzjoni tal-irkupri u tal-ispejjeż ikun effettiv u li ma jwassalx għal stimi preġudikati tal-LGD.
113. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet juru li fil-bażijiet tad-data tagħhom huma jiġbru u jaħżnu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jikkalkolaw l-ispejjeż diretti u indiretti. Jenħtiegħ li l-ispejjeż indiretti materjali kollha jiġu allokati għall-iskoperturi korrispondenti. Jenħtiegħ li dan il-proċess tal-allokazzjoni tal-ispejjeż ikun ibbażat fuq l-istess prinċipji u tekniki li l-istituzzjonijiet jużaw fis-sistemi kontabilistiċi tal-ispejjeż tagħhom stess. Għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-ispejjeż indiretti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw metodi bbażati fuq medji ponderati skont l-iskopertura, jew metodi statistiċi bbażati fuq kampjun rappreżentattiv fil-popolazzjoni tad-debituri jew faċilitajiet inadempjenti.
114. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jieħdu passi raġonevoli sabiex jirrikonossu s-sorsi tal-flussi tal-flus u jallokawhom b'mod adegwat għall-kollateral speċifiku jew għall-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li tkun seħħet. Meta s-sors tal-flussi tal-flus ma jkunx jista' jiġi identifikat, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw politiki ċari għat-trattament u għall-allokazzjoni ta' dawn l-irkupri tal-flussi tal-flus, li ma għandhomx iwasslu għal preġudizzju fl-istima tal-LGD.

6.1.3 Irkupri minn kollaterali

115. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jirrikonossu l-irkupri bħala li ġejjin minn kollaterali fis-sitwazzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-kollateral jinbiegħ mid-debitur u l-prezz miksub ikun għet użat sabiex jiġu koperti partijiet mill-ammont pendenti jew l-ammont pendenti kollu tal-obbligu tal-kreditu inadempjenti;
 - (b) il-kollateral jinkiseb lura jew jinbiegħ mill-istituzzjoni, mill-impriża omm jew minn kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tagħha f'isem l-istituzzjoni;
 - (c) il-kollateral jinbiegħ f'irkant pubbliku tal-proprjetà permezz ta' inġunzjoni jew f'proċedura simili skont il-qafas legali applikabbli;

- (d) l-obbligu tal-kreditu jinbiegħ flimkien mal-kollateral u l-prezz tal-bejgħ għall-obbligu tal-kreditu inkluda l-kollateral eżistenti;
 - (e) fil-każ ta' kiri, l-oġġett tal-kiri jinbiegħ mill-istituzzjoni;
 - (f) il-kollateral jiġi realizzat permezz ta' kwalunkwe metodu ieħor li jkun eliġibbli taħt il-qafas legali tal-ġurisdizzjoni rilevanti.
116. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 115, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddeterminaw il-valur tal-ksib lura bħala l-valur li bih l-obbligu tal-kreditu tad-debitur ikun naqas bħala riżultat tal-ksib lura tal-kollateral, u li bih il-kollateral li nkiseb lura ġie rreġistrat bħala ass fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni. Fejn dawn il-valuri jkunu differenti, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-aktar valur baxx miż-żewġ valuri tal-ksib lura. Il-valur tal-ksib lura jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala valur ta' rkupru fid-data tat-teħid lura u jiġi inkluż fil-kalkolu tat-telf ekonomiku u tal-LGD realizzat skont it-taqsimha 6.3.1.
117. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw jekk il-valur tal-ksib lura jirriflettix b'mod adegwat il-valur tal-kollateral li nkiseb lura, b'mod konsistenti ma' kwalunkwe rekwiżit intern stabbilit għall-ġestjoni tal-kollateral, għaċ-ċertezza tad-dritt u għall-ġestjoni tar-riskju. Fejn il-kollateral li nkiseb lura jissodisfa l-kriterji għal assi likwidi ta' kwalità għolja fil-Livell 1, kif definit fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw il-valur fis-suq tal-kollateral direttament bħala rkupru realizzat fil-ħin tal-ksib lura. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw telf impost għall-valur tal-ksib lura u, fil-kalkolu tat-telf ekonomiku, jinkludu rkupru fl-ammont tal-valur tal-ksib lura wara li japplikaw it-telf impost b'mod xieraq. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħtu stima ta' dan it-telf impost filwaqt li jikkunsidraw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) it-telf impost għandu jirrifletti żbalji possibbli fil-valutazzjoni tal-kollateral fil-mument tal-ksib lura, filwaqt li jikkunsidra t-tip tal-valutazzjoni disponibbli fil-mument tal-ksib lura, id-data li fiha dan sar u l-likwidità tas-suq għal dan it-tip ta' ass;
 - (b) it-telf impost jenħtieġ li jiġi stmat bis-suppożizzjoni li l-istituzzjoni beħsiebha tbiegħ il-kollateral li nkiseb lura lil parti terza indipendenti u għandu jirrifletti l-prezz potenzjali li jista' jinkiseb minn dan il-bejgħ, l-ispejjeż tal-bejgħ u l-effett ta' skont għall-perjodu ta' bejn il-bejgħ tal-ksib lura u l-mument tal-ksib lura, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-likwidità tas-suq għal dan it-tip ta' ass;
 - (c) fejn ikun hemm osservazzjonijiet disponibbli rigward il-ksib lura u bejgħ sussegwenti ta' tipi simili ta' kollaterali, jenħtieġ li l-istima tat-telf impost tkun ibbażata fuq dawn l-osservazzjonijiet u tiġi regolarment ittestjata b'mod retrospettiv; għal dan il-għan jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw dan kollu li ġej:
 - (i) id-differenza bejn il-valur tal-ksib lura u l-prezz tal-bejgħ, speċjalment fejn ma kien hemm l-ebda bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet tas-suq u dawk ekonomiċi bejn il-mument tal-ksib lura u l-mument tal-bejgħ;

- (ii) kwalunkwe dħul u spiża relatati ma' dan l-ass li kienu ġew osservati bejn id-data tal-ksib lura u l-mument tal-bejgħ;
 - (iii) effetti ta' skont;
 - (iv) jekk l-istituzzjoni tkunx kisbet lura l-kollateral bl-għan ta' bejgħ immedjat jew jekk ġietx adottata strateġija oħra.
- (d) fejn l-osservazzjonijiet storiċi li jirrigwardaw il-ksib lura u l-bejgħ sussegwenti ta' tipi simili ta' kollaterali ma jkunux disponibbli, jenħtiegħ li l-istima tat-telf impost tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' każ b'każ, inkluża l-analiżi tal-kundizzjonijiet attwali tas-suq u dawk ekonomiċi;
- (e) inqas ma istituzzjoni jkollha data dwar ksib lura preċedenti u inqas ma jkun likwidu s-suq għat-tip partikolari ta' assi, aktar tiżdied l-inċertezza mal-istimi li jirriżultaw, li jenħtiegħ li tiġi riflessa b'mod adegwat fl-MoC skont it-taqsima 4.4.3.
118. F'kull każ, jenħtiegħ li l-ksib lura tal-kollateral jiġi rikonoxxut fil-mument tal-ksib lura u ma jipprevenix lill-istituzzjoni milli tagħlaq il-proċess ta' rkupru skont il-paragrafu 155.
119. Jenħtiegħ li kwalunkwe bejgħ tal-obbligi tal-kreditu skont il-punt (d) tal-paragrafu 115 jiġi inkluż fl-istima tal-LGD b'mod li jkun xieraq għall-metodoloġija tal-istima tal-LGD, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) fejn l-istituzzjonijiet ibiġġu regolarment obbligi tal-kreditu bħala parti mill-proċessi ta' rkupru tagħhom, jenħtiegħ li jirriflettu b'mod xieraq l-osservazzjonijiet relatati mal-obbligi tal-kreditu soġġetti għall-bejgħ fil-proċess tal-iżvilupp tal-mudell;
 - (b) fejn l-istituzzjonijiet ma jbiġġu regolarment obbligi tal-kreditu bħala parti mill-proċessi ta' rkupru tagħhom u l-allokazzjoni tal-parti tal-prezz relatata mal-kollaterali tkun wisq ta' piż biex issir jew wisq mhux affidabbli, huma jistgħu jiddeċiedu li ma jikkunsidrawx dawn l-osservazzjonijiet fil-proċess tal-iżvilupp tal-mudell;
 - (c) jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet ma jitrattawx irkupri mill-bejgħ ta' obbligi tal-kreditu garantiti bħala rkupri realizzati mingħajr l-użu ta' kollaterali, sakemm ma jkunux jistgħu juru li l-irkupri relatati ma' dawn il-kollaterali jkunu immaterjali;
 - (d) f'kull każ, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jinkludu l-osservazzjonijiet kollha, inkluż il-bejgħ ta' obbligi tal-kreditu, fil-kalkolu tal-LGD medju fuq perjodu twil.
120. Skont il-punt (f) tal-paragrafu 115, l-istituzzjonijiet jistgħu jispeċifikaw u jirrikonoxxu kwalunkwe forma oħra ta' kif il-kollaterali jiġu realizzati adegwata għat-tipi ta' kollaterali li jintużaw mill-istituzzjonijiet li jkunu eliġibbli skont il-qafas legali applikabbli. Waqt li jkunu qegħdin jirrikonoxxu forom oħra kif il-kollateral jiġi realizzati, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw il-fatt li l-kollateral jista' jieħu diversi forom u li diversi forom ta' kollaterali jistgħu jkunu relatati mal-istess ass. Fejn forom differenti ta' kollateral jirreferi għall-istess ass iżda r-

realizzazzjoni ta' wieħed mill-kollaterali ma jnaqqasx il-valur tal-ieħor, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidrawhom kollaterali separati fil-proċess tal-istima tal-LGD. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu b'mod separat il-forma ta' kollateral li tagħti dritt li l-ass jinkiseb lura jew jinbigħ (bħal self ipotekarju) u l-forma ta' kollateral li tagħti dritt li jinġabru l-flussi tal-flus iġġenerati mill-ass (bħal ċessjoni ta' kiri jew tariffi).

6.2 Żvilupp tal-mudell fl-istima tal-LGD

6.2.1 Motivaturi tar-riskju

121. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jidentifikaw u janalizzaw motivaturi tar-riskju potenzjali li jkunu rilevanti għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u għall-karatteristiċi speċifiċi tat-tip ta' skoperturi koperti mis-sistema tal-klassifikazzjoni. Il-motivaturi tar-riskju potenzjali analizzati mill-istituzzjonijiet jenħtieġ li jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

- (a) karatteristiċi tar-riskju relatati mat-tranżazzjoni, inkluż it-tip ta' prodott, it-tip ta' kollateral, il-lokalità ġeografika tal-kollateral, il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata, il-prijorità, il-proporzjon bejn is-Self u l-Valur (LTV), id-daqs tal-iskopertura, il-maturazzjoni, u l-proċeduri ta' rkupru;
- (b) karatteristiċi tar-riskju relatati mad-debitur, inkluż, fejn ikun applikabbli, id-daqs, l-istruttura tal-kapital, ir-reġjun ġeografiku, is-settur industrijali, u l-linja ta' negozju;
- (c) fatturi relatati mal-istituzzjoni, inklużi l-organizzazzjoni interna u l-governanza interna, avvenimenti rilevanti bħal fużjonijiet, u l-eżistenza ta' entitajiet speċifiċi fil-grupp dedikat għall-irkupri;
- (d) fatturi esterni, inklużi rati tal-imgħax, qafas legali u fatturi oħra li jinfluwenzaw it-tul mistenni tal-proċess ta' rkupru.

122. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw l-motivaturi tar-riskju mhux biss fil-mument tal-inadempjenza iżda anki mill-inqas fi żmien sena qabel l-inadempjenza. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw data ta' referenza għal motivatur tar-riskju li jirrappreżenta r-realizzazzjonijiet tal-motivatur tar-riskju fi żmien sena qabel l-inadempjenza. Meta jkunu qegħdin jagħżlu d-data ta' referenza xierqa għal motivatur tar-riskju, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw il-volatilità tagħha matul iż-żmien. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw dawn il-prattiki anki fir-rigward tad-data ta' referenza tal-valutazzjoni ta' kollateral; il-valur tal-kollateral fid-data ta' referenza ma għandux jirrifletti l-impatt tat-tnaqqis fil-kwalità tal-kreditu tal-iskopertura ftit qabel l-inadempjenza.

123. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw jew jikkalkolaw il-motivaturi tar-riskju fl-applikazzjoni tal-istimi tal-LGD bl-istess mod kif jiġu speċifikati jew ikkalkolati fl-istima tal-LGD.

6.2.2 Eliġibbiltà ta' kollaterali

124. Skont l-Artikoli 170 u 181(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-istimi tagħhom tal-LGD l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw l-eżistenza ta' kull tip ta' kollateral li għalihom ikunu stabbilixxew rekwiżiti interni f'termini ta' ġestjoni tal-kollateral, ċertezza tad-dritt u ġestjoni tar-riskju, li ġeneralment ikunu konsistenti ma' dawk stipulati fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II fil-Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament. Fil-każ tat-tipi ta' kollateral li ma jgħux speċifikati fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II fil-Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw dawk it-tipi ta' kollaterali fl-istimi tagħhom tal-LGD, fejn il-politiki u l-proċeduri tagħhom relatati mar-rekwiżiti interni għall-valutazzjoni u għaċ-ċertezza tad-dritt ta' dawn il-kollaterali jkunu xierqa għat-tip ta' kollateral rispettiv.
125. Safejn l-istimi tal-LGD jikkunsidraw l-eżistenza ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw il-kriterji u l-metodoloġija biex jirrikonoxxu u jinkludu fl-istimi tagħhom tal-LGD il-protezzjoni fil-forma ta' garanzija u derivattivi tal-kreditu li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fl-Artikolu 60 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB.
126. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-informazzjoni dwar it-tipi ewlenin kollha ta' kollaterali li jintużaw fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-LGD bħala motivatur tar-riskju jew kriterju tas-segmentazzjoni. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet, fil-politiki interni tagħhom, jiddefinixxu b'mod ċar it-tipi ewlenin u tipi oħra ta' kollaterali li jintużaw għat-tip ta' skoperturi koperti mis-sistema tal-klassifikazzjoni u jiżguraw li, safejn l-istimi tal-LGD jikkunsidraw l-eżistenza ta' kollateral, il-politiki li jirrigwardaw il-ġestjoni ta' dawn it-tipi ta' kollateral jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Artikolu 181(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw it-tipi ewlenin ta' kollaterali b'tali mod li l-flussi tal-flus mit-tip ta' kollaterali li jifdal mhux se jippreġudika b'mod sinifikanti l-istima tal-irkupri li jiġu realizzati mingħajr l-użu ta' kollaterali.
127. Il-kollaterali li ma jissodisfawx ir-rekwiżit tal-Artikolu 181(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jistgħux jiġu inklużi bħala motivatur tar-riskju fl-istima tal-LGD u l-flussi tal-flus li jiġu rċevuti minn dawk il-kollaterali jenħtieġ li jiġu trattati daqslikienu jkunu ġew riċevuti mingħajr l-użu ta' kollaterali. Irrispettivament minn dan it-trattament fl-istima tal-LGD, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiġbru l-informazzjoni dwar is-sors tal-flussi tal-flus relatati ma' dawk il-kollaterali u jallokawhom bħala relatati ma' dawk il-kollaterali. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw b'mod regolari l-livelli ta' dawn il-flussi tal-flus kif ukoll il-punt safejn it-tipi rilevanti ta' kollaterali jintużaw. Fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu aġġustamenti xierqa sabiex jiġi evitat kwalunkwe preġudizzju fl-istimi tal-LGD.

6.2.3 Inklużjoni ta' kollaterali fl-istima tal-LGD

128. Sabiex jiġi stmat l-LGD, l-istituzzjonijiet jistgħu jaggruppaw it-tipi ta' kollaterali li jkunu omoġenji f'termini tal-mudelli ta' rkupru filwaqt li jikkunsidraw kemm il-ħin medju tal-proċess tal-ġbir kif ukoll ir-rati ta' rkupru fuq dawn it-tipi ta' kollaterali.
129. Jenħtieġ li k-approċċ żviluppat mill-istituzzjonijiet sabiex l-effett tal-kollaterali jiġi inkluż fl-istima tal-LGD jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jevitaw il-preġudizzju li jista' jiġi mill-inklużjoni tal-flussi tal-flus relatati mar-realizzazzjoni tal-kollateral fl-istima tal-irkupri li jiġu realizzati mingħajr l-użu ta' kollaterali u viċi versa;
 - (b) fejn l-istituzzjonijiet jagħtu stima ta' rati ta' rkupru separati għal tipi speċifiċi ta' kollaterali, jenħtieġ li jevitaw preġudizzju li jista' jiġi mill-inklużjoni fil-kampjun tal-istima tal-osservazzjonijiet fejn l-iskopertura kienet iggarantita permezz ta' parti biss tal-valur tal-kollateral. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jieħdu passi raġonevoli sabiex jiksbu d-data dwar il-valur totali tal-kollateral u l-prezz tal-bejgħ totali tal-kollateral u jinkludu din l-informazzjoni fl-istima, fejn din tkun disponibbli;
 - (c) fejn l-istituzzjonijiet jagħtu stima ta' rati ta' rkupru separati għal tipi speċifiċi ta' kollaterali, jenħtieġ li jirrikonoxxu u jinkludu f'din l-istima l-ispejjeż diretti relatati mal-ġbir fuq kull wieħed minn dawn it-tipi speċifiċi ta' kollaterali b'mod separat ukoll;
 - (d) fejn l-istituzzjonijiet jagħtu stima ta' rati ta' rkupru separati għat-tipi speċifiċi ta' kollaterali, jenħtieġ li huma jinkludu f'din l-istima l-irkupri kollha li ġew realizzati minn tip speċifiku ta' kollateral, inklużi dawk realizzati fuq skoperturi fejn ir-realizzazzjoni tal-kollateral tlestiet iżda l-proċess ta' rkupru ġenerali għadu ma ġiex magħluq;
 - (e) fejn l-istess kollateral ikopri diversi skoperturi, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw metodoloġija tal-allokazzjoni adegwata sabiex jiġi evitat għadd doppju tal-kollaterali; il-metodoloġija tal-allokazzjoni jenħtieġ li tkun konsistenti bejn l-istima tal-LGD u l-applikazzjoni tal-istimi tal-LGD u mal-metodoloġija li tintuża għal skopijiet kontabilistiċi;
 - (f) l-istimi ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-valur fis-suq stmat tal-kollateral, iżda jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll l-irkupri realizzati minn likwidazzjonijiet tal-passat u l-inabbiltà potenzjali li istituzzjoni tikseb kontroll u tillikwida l-kollateral. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw fl-istima dawk l-osservazzjonijiet storiċi fejn il-kollateral ma setax jiġi realizzat jew fejn il-proċess ta' rkupru kien itwal minn kemm kien mistenni, minħabba l-inabbiltà jew id-diffikultà li jiksbu kontroll jew li jillikwidaw il-kollateral. Fejn l-istituzzjonijiet jagħtu stima tar-rati ta' rkupru relatati ma' tipi speċifiċi ta' kollaterali, jenħtieġ li huma jikkunsidraw ukoll iż-żmien bejn il-mument tal-inadempjenza u ż-żmien meta l-flussi tal-flus relatati mal-ġbir fuq dawn it-tipi ta' kollaterali jkunu ġew riċevuti u jinkludu fl-istima dawk l-osservazzjonijiet fejn il-kollateral ma jkunx ġie realizzat bħala riżultat tal-inabbiltà li jiksbu kontroll;

(g) jenħtieġ li l-istimi jikkunsidraw it-tnaqqis potenzjali fil-valur tal-kollateral mill-punt tal-istima tal-LGD sal-irkupru eventwali, b'mod partikolari dak li jirriżulta minn bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq, l-istat u l-età tal-kollateral u, fejn ikun rilevanti, fluttwazzjonijiet fil-muniti. Fejn l-istituzzjonijiet ikunu esperjenzaw tnaqqis fil-valuri ta' kollaterali u dawn ikunu digħa riflessi fl-irkupri osservati, ma għandu jsir l-ebda aġġustament ulterjuri għall-istimi tal-LGD ibbażat fuq dawn l-osservazzjonijiet. Fejn tnaqqis potenzjal fil-valuri tal-kollaterali ma jkunux riflessi fl-osservazzjonijiet storiċi jew fejn l-istituzzjonijiet ibassru tnaqqis ulterjuri u potenzjalment aktar sever fil-futur, jenħtieġ li huma jiġu inklużi fil-kwantifikazzjoni tal-istimi tal-LGD permezz ta' aġġustament xieraq ibbażat fuq aspettattivi li jħarsu 'l quddiem. Madankollu, l-istimi tal-LGD ma' għandhomx jiġu aġġustati sabiex jikkunsidraw xi żieda potenzjali fil-valur tal-kollateral;

(h) jenħtieġ li l-istimi jikkunsidraw b'mod konservattiv il-grad ta' dipendenza bejn ir-riskju tad-debitur u r-riskju tat-tnaqqis fil-valur tal-kollateral kif ukoll l-ispiża tal-likwidazzjoni tal-kollateral.

6.2.4 Omoġeneità tal-grad ta' faċilitajiet jew tal-aggregazzjonijiet

130. Sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tal-Artikolu 38 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw l-omoġeneità tal-iskoperturi assenjati għall-istess gradi jew aggregazzjonijiet abbażi tad-data fl-RDS u jiżguraw, b'mod partikolari, li l-gradi jkunu definiti b'tali mod li l-gradi individwali jkunu omoġenji biżżejjed fir-rigward tal-karatteristiċi tat-telf.

6.3 Kalibrazzjoni tal-LGD

6.3.1 Kalkolu tat-telf ekonomiku u tal-LGD realizzat

6.3.1.1 Definizzjoni ta' telf ekonomiku u ta' LGD realizzat

131. Sabiex jiġi stmat l-LGD, kif imsemmi fl-Artikolu 181(a)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-LGDs realizzati għal kull skopertura, kif imsemmi fil-punt (55) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, bħala proporzjon tat-telf ekonomiku għall-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza, inkluż kwalunkwe ammont ta' kapital, imgħax jew tariffa.

132. Għall-finijiet tal-paragrafu 131, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw it-telf ekonomiku realizzat fuq strument (jiġifieri, il-faċilità inadempjenti), kif imsemmi fil-punt (2) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala differenza bejn:

(a) l-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 140, inkluż kwalunkwe ammont ta' kapital, imgħax jew tariffa, li jiżdied permezz ta' spejjeż materjali diretti u indiretti assoċjati mal-għbir fuq dak l-istrument skontat għall-mument tal-inadempjenza; u

- (b) kwalunkwe rkupru realizzat wara l-mument tal-inadempjenza skontat għall-mument tal-inadempjenza.
133. Sabiex jiġi kkalkolat it-telf ekonomiku realizzat fuq skopertura skont il-paragrafu 132, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-irkupri realizzati kollha, inklużi l-irkupri minn sorsi mhux magħrufa u rkupri relatati ma' kollaterali li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 181(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
134. Fejn, fir-rigward ta' avveniment ta' inadempjenza, kwalunkwe parti ta' skopertura tkun għet maħfura jew titħassar qabel jew fid-data tal-inadempjenza u l-ammont maħfur jew li tħassar ma jkunx inkluż fl-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza, jenħtieġ li l-ammont tal-iskopertura li għe maħfur jew li tħassar jiżdied mal-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza kemm għall-kalkolu tat-telf ekonomiku, kif speċifikat fil-paragrafu 132 fin-numeratur, kif ukoll il-kalkolu tal-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fid-denominatur tal-LGD realizzat.
135. Fil-każ ta' skoperturi li jirritornaw għal stat mhux inadempjenti, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw it-telf ekonomiku bħall-iskoperturi inadempjenti l-oħrajn kollha, bid-differenza biss li jiżdied fluss tal-flus ta' rkupru addizzjonali mal-kalkolu daqslikieku pagament ikun sar mid-debitur fl-ammont li kien pendenti fid-data tar-ritorn għal stat mhux inadempjenti, inkluż kwalunkwe kapital, imgħax u tariffa ("fluss tal-flus artifiċjali"). Il-fluss tal-flus artifiċjali jenħtieġ li jiġi skontat għall-mument tal-inadempjenza bl-istess mod bħall-flussi tal-flus osservati kollha. Fejn l-iskoperturi jissodisfaw il-kriterji tal-paragrafu 101, jenħtieġ li l-LGD realizzat jiġi kkalkolat b'referenza għad-data tal-ewwel avveniment ta' inadempjenza li jikkunsidra l-flussi tal-flus kollha osservati mid-data tal-ewwel avveniment ta' inadempjenza, inklużi dawk osservati matul il-perjodu bejn l-ewwel u t-tieni stat ta' inadempjenza, mingħajr iż-żieda ta' flussi tal-flus artifiċjali.
136. Fejn l-istituzzjonijiet jifftu faċilitajiet ġodda biex jissostitwixxu faċilitajiet li preċedentement kienu inadempjenti bħala parti mir-ristrutturar jew għal raġunijiet tekniċi, jenħtieġ li huma jikkalkolaw l-LGDs realizzati abbażi tal-faċilitajiet oriġinarjament inadempjenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jkollhom mekkaniżmu sod sabiex jallokaw l-ispejjeż osservati, l-irkupri u kwalunkwe għbid addizzjonali lill-faċilitajiet oriġinali.

6.3.1.2 Trattament tat-tariffi, tal-imgħax u ta' għbid addizzjonali wara l-inadempjenza

137. Għall-finijiet tal-Artikolu 181(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet fil-kalkolu tal-LGD realizzat jikkunsidraw kull tariffa għal dewmien fil-pagamenti li tkun għet kapitalizzata fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni qabel il-mument tal-inadempjenza billi jinkluduha fl-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza fin-numeratur u fid-denominatur tal-LGD realizzat. Fejn it-tariffi jkunu ġew estiżi lid-debitur sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż diretti li diġà jkunu ġew imġarrba mill-istituzzjoni u dawn l-ispejjeż ikunu diġà ġew inklużi fil-kalkolu tat-telf ekonomiku, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jerġgħu jżidu dawn l-ammonti għat-telf ekonomiku jew għall-ammont pendenti. Kwalunkwe tariffa kapitalizzata wara l-mument tal-inadempjenza ma għandhiex iżżid l-ammont

ta' telf ekonomiku jew l-ammont pendenti fil-mument tal-inadempjenza. Madankollu, l-irkupri kollha, inklużi dawk relatati ma' tariffi kapitalizzati wara l-inadempjenza, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kalkolu tat-telf ekonomiku.

138. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw it-trattament speċifikat fil-paragrafu 137 għal kwalunkwe interess kapitalizzat fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni qabel u wara l-mument tal-inadempjenza.
139. Skont l-Artikolu 182(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet li jkunu kisbu l-permess biex jużaw l-istimi personali tal-LGD u tal-konverżjoni huma meħtieġa li jirriflettu l-possibbiltà ta' għbid addizzjonali mid-debitur sa u wara ż-żmien tal-inadempjenza fl-istimi tagħhom tal-fatturi ta' konverżjoni. Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, skont l-Artikoli 181(2)(b) u 182(3) ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet jistgħu jirriflettu għbid futur jew fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD. Jenħtieġ li dan il-għbid futur jinftiehem bħala għbid addizzjonali mid-debitur wara l-mument tal-inadempjenza.
140. Fejn l-istituzzjonijiet jinkludu għbid addizzjonali mid-debitur wara l-mument tal-inadempjenza fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom, jenħtieġ li huma jikkalkolaw l-LGD realizzati bħala proporzjon tat-telf ekonomiku għall-ammont sottostanti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza miżjud mal-ammont ta' għbid addizzjonali mid-debitur wara l-mument tal-inadempjenza skontat għall-mument tal-inadempjenza.
141. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, fejn l-istituzzjonijiet ma jinkludux għbid addizzjonali mid-debitur wara l-mument tal-inadempjenza fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom, jenħtieġ li huma jikkalkolaw l-LGD realizzati bħala proporzjon tat-telf ekonomiku għall-ammont sottostanti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza u ma jżidux id-denominatur tal-proporzjoni bil-valur ta' għbid addizzjonali mid-debitur wara l-mument tal-inadempjenza.
142. Irrispettivament minn jekk l-istituzzjonijiet jirriflettux għbid futur fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD, jenħtieġ li huma jikkalkolaw it-telf ekonomiku li jintuża fin-numeratur tal-LGD realizzati, inkluż il-għbid addizzjonali wara l-mument tal-inadempjenza u l-irkupri realizzati kollha skontati għall-mument tal-inadempjenza.

6.3.1.3 Rata ta' skont

143. Sabiex jiġi kkalkolat it-telf ekonomiku, skont il-punt (2) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħtu skont fuq l-irkupri, it-tariffi u l-għbid addizzjonali kollha wara l-mument tal-inadempjenza permezz ta' rata ta' skont annwali magħmula minn rata interbankarja primarja offruta applikabbli fil-mument tal-inadempjenza li tiżdied b'żieda ta' 5 punti perċentwali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li r-rata interbankarja ewlenija offruta titqies bħala l-EURIBOR ta' 3 xhur jew rata tal-imgħax likwida paragonabbli fil-munita tal-iskopertura.

6.3.1.4 Spejjeż diretti u indiretti

144. Sabiex jiġu kkalkolati l-LGDs realizzati, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-ispejjeż materjali diretti u indiretti kollha relatati mal-proċess ta' rkupru. Fejn xi spejjeż materjali diretti jew indiretti relatati mal-ġbir fuq l-iskoperturi u l-inadempjenza tal-kontroparti rispettiva jkunu ġew imġarrba qabel il-mument tal-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu dawn l-ispejjeż fl-istima tal-LGD sakemm mill-inqas tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) dawn l-ispejjeż jiġu inklużi b' mod ċar fl-ammont pendenti tal-obbligu tal-kreditu fil-mument tal-inadempjenza;
- (b) dawn l-ispejjeż jiġu assoċjati mal-inadempjenza preċedenti tal-istess debitur, li ma tiġix ikkunsidrata bħala inadempjenza multipla, skont il-paragrafu 101.

145. Jenħtieġ li l-ispejjeż diretti jinkludu l-ispejjeż tas-servizzi tal-ġbir esternalizzati, l-ispejjeż legali, u l-ispejjeż tal-hedges u tal-assigurazzjonijiet u l-ispejjeż l-oħrajn kollha attribwibbli direttament għall-ġbir fuq skopertura speċifika. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-ispejjeż diretti kollha bħala materjali.

146. Jenħtieġ li l-ispejjeż indiretti jinkludu l-ispejjeż kollha li jiġu mit-tmexxija tal-proċessi ta' rkupru tal-istituzzjoni, l-ispejjeż ġenerali tas-servizzi tal-ġbir esternalizzati mhux inklużi bħala spejjeż diretti, u l-ispejjeż l-oħrajn kollha relatati mal-ġbir fuq l-iskoperturi inadempjenti li ma jistgħux jiġu attribwiti direttament għall-ġbir fuq skopertura speċifika. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet, fl-istima tagħhom tal-ispejjeż indiretti, jinkludu perċentwal xieraq tal-ispejjeż kontinwi l-oħra, bħal spejjeż ġenerali tal-istituzzjonijiet relatati mal-proċessi ta' rkupru, sakemm ma jkunux jistgħu juru li dawn l-ispejjeż ikunu materjali.

6.3.2 LGD medju fuq perjodu twil

6.3.2.1 Perjodu ta' osservazzjoni storika

147. Jenħtieġ li l-perjodu ta' osservazzjoni storika jkun mifruq kemm jista' jkun u jkun fih data minn diversi perjodi b'ċirkostanzi ekonomiċi differenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet mill-inqas jagħżlu perjodu ta' osservazzjoni storika b'tali mod li:

- (a) it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika, jiġifieri t-tul ta' żmien bejn l-egdem inadempjenza kkunsidrata fl-RDS u l-mument tal-istima tal-LGD, ikopri mill-inqas it-tul minimu speċifikat fl-Artikolu 181(1)(j) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal skoperturi lil korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali u, għal skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 181(2), is-subparagrafu 2 ta' dak ir-Regolament u, fejn ikun applikabbli, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni li jadotta standards tekniċi stipulati fl-Artikolu 181(3)(b) ta' dak ir-Regolament;
- (b) huwa jiżgura li l-RDS jinkludi għadd suffiċjenti ta' proċessi ta' rkupru magħluqin sabiex jingħataw stimi robusti tal-LGD;

- (c) huwa jkun magħmul minn perjodi konsekuttivi u jinkludi l-aktar perjodi riċenti qabel il-mument tal-istima tal-LGD;
 - (d) huwa jinkludi l-perjodu sħiħ li għalih l-istituzzjoni tkun kapaċi biżżejjed li tirreplika d-definizzjoni applikabbli attwali ta' inadempjenza;
 - (e) id-data interna disponibbli kollha tiġi kkunsidrata "rilevanti", kif imsemmi fl-Artikoli 181(1)(j) u 181(2), is-subparagrafu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tiġi inkluża fil-perjodu ta' osservazzjoni storika.
148. Fil-valutazzjoni dwar jekk l-RDS jinkludix għadd suffiċjenti ta' proċessi ta' rkupru magħluqin skont il-paragrafu 147(b), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw in-numru ta' proċessi ta' rkupru magħluqin fl-għadd totali ta' osservazzjonijiet.

6.3.2.2 Kalkolu tal-LGD medju fuq perjodu twil

149. Skont l-ittra (a) tal-Artikolu 181(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jikkalkolaw l-LGD medju fuq perjodu twil b'mod separat għal kull grad ta' faċilità jew aggregazzjoni. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-LGD medju fuq perjodu twil anki fil-livell tal-portafoll kopert mill-mudell tal-LGD. Fil-kalkolu tal-LGD medju fuq perjodu twil, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw l-inadempjenzi osservati kollha fil-perjodu ta' osservazzjoni storika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-LGD.
150. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 181(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-LGD medju fuq perjodu twil bħala medja aritmetika tal-LGDs realizzati fuq perjodu ta' osservazzjoni storika ppeżat b'għadd ta' inadempjenzi. L-istituzzjonijiet għal dak il-għan ma għandhom jużaw l-ebda medja ta' LGDs ikkalkolata fuq subgrupp ta' osservazzjonijiet, b'mod partikolari xi LGDs medji annwali, sakemm ma jużawx dan il-metodu biex jirriflettu piżijiet akbar ta' data aktar riċenti fuq skoperturi fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 181(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
151. Fejn l-istituzzjonijiet ma jagħtux importanza ugwali lid-data storika kollha għal skoperturi fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 181(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li huma jkunu kapaċi juru b'mod dokumentat li l-użu ta' piżijiet oġġla għal data aktar riċenti jkun iġġustifikat minn tbassir aħjar tar-rati ta' telf. B'mod partikolari fejn l-ebda piż jew piżijiet żgħar ħafna jiġu applikati għal perjodi speċifiċi, jenħtieġ li dan ikun iġġustifikat b'mod xieraq jew iwassal għal stimi aktar konservattivi.
152. Filwaqt li jispeċifikaw il-piżijiet skont il-paragrafu 151, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw ir-rappreżentattività ta-data vvalutata skont it-taqsimha 4.2.4, kif ukoll il-kundizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq li jiġi rrappreżentati mid-data.

6.3.2.3 Trattament ta' proċessi ta' rkupru mhux kompleti

153. Għall-finijiet tal-ittra (a) tal-Artikolu 181(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fir-rigward tal-użu tal-inadempjenzi kollha osservati matul il-perjodu ta' osservazzjoni storika fis-sorsi tad-

data għall-istima tal-LGD, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti minn proċessi ta' rkupru inkompleti tiġi kkunsidrati b'mod konservattiv. Jenħtieġ li l-istima tal-LGD tkun ibbażata fuq l-LGD medju fuq perjodu twil.

154. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-LGD medju osservat għal kull grad ta' faċilità jew aggregazzjoni u fil-livell tal-portafoll kopert mill-mudell tal-LGD filwaqt li jiġu kkunsidrati l-LGDs realizzati fuq l-inadempjenzi kollha osservati fil-perjodu ta' osservazzjoni storika relatati ma' proċessi ta' rkupru magħluqin skont il-paragrafi 155 sa 157, mingħajr l-inklużjoni ta' xi rkupru futur mistenni. Jenħtieġ li l-LGD medju osservat ikun ippeżat mill-għadd ta' inadempjenzi li jiġu inklużi fil-kalkolu.
155. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw b'mod ċar il-mument tal-għeluq tal-proċessi ta' rkupru fil-politiki interni tagħhom. Jenħtieġ li l-proċessi ta' rkupru kollha li ngħalqu jiġu trattati bħala tali sabiex jiġi kkalkolat l-LGD medju osservat.
156. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddefinixxu l-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru għal tip ta' skoperturi partikolari mill-mument tal-inadempjenza li jirrifletti l-perjodu ta' żmien mistenni osservat fil-proċessi ta' rkupru magħluqin li matulhom l-istituzzjoni tirrealizza l-maġġoranza kbira tal-irkupri, mingħajr ma tikkunsidra l-osservazzjonijiet esterni bi proċessi ta' rkupru sinifikament itwal. Jenħtieġ li l-perjodu massimu tal-proċessi ta' rkupru jiġi speċifikat b'tali mod li tiġi żgurata biżżejjed data għall-istima tal-irkupri f'dan il-perjodu għal proċessi ta' rkupru mhux kompleti. It-tul tal-perjodu massimu tal-proċessi ta' rkupru jista' jkun differenti għal tipi differenti ta' skoperturi. Jenħtieġ li l-ispeċifikazzjoni tal-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru tiġi dokumentata u appoġġata minn evidenza tal-mudelli ta' rkupru osservati, u tkun koerenti man-natura tat-tranżazzjonijiet u mat-tip ta' skoperturi. L-ispeċifikazzjoni tal-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru għall-finijiet tal-LGD medju fuq perjodu twil ma għandhiex tipprevjeni lill-istituzzjonijiet milli jieħdu azzjonijiet ta' rkupru fejn ikunu meħtieġa, anki fir-rigward ta' skoperturi li jibqgħu f'inadempjenza għal perjodu ta' żmien li jaqbeż il-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru speċifikat għal dan it-tip ta' skoperturi.
157. Sabiex jiġi kkalkolat l-LGD medju osservat, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu mingħajr dewmien żejjed bħala proċessi ta' rkupru magħluqin l-iskoperturi kollha f'inadempjenza li jaqgħu f'mill-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin:
- (a) skoperturi li għalihom l-istituzzjoni ma tistenniex li tiegħu xi azzjoni ta' rkupru ulterjuri;
 - (b) skoperturi li jibqgħu fi stat ta' inadempjenza għal perjodu ta' żmien itwal mill-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru speċifikat għal dan it-tip ta' skoperturi;
 - (c) skoperturi li tħallsu lura jew li tħassru kompletament;
 - (d) skoperturi li jkunu ġew ikklassifikati mill-ġdid għal stat mhux inadempjenti.

Fir-rigward ta' skoperturi inadempjenti li jaqgħu fil-kategoriji fil-punti (a) u (b), jenħtieġ li l-irkupri u l-ispejjeż kollha realizzati qabel jew waqt l-istima jiġu kkunsidrati sabiex jiġi kkalkolat

L-LGD medju osservat, inkluż kwalunkwe rkupru realizzat wara l-perjodu massimu tal-proċessi ta' rkupru.

158. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiksbu l-LGD medju fuq perjodu twil billi jaġġustaw l-LGD medju osservat filwaqt li jikkunsidraw l-informazzjoni relatata mal-proċessi li ma kinux ingħalqu (“proċessi ta' rkupru mhux kompleti”) u fejn iż-żmien mill-mument tal-inadempjenza sal-mument tal-istima jkun iqsar mill-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru speċifikat għal dan it-tip ta' skoperturi. Għal dawn il-proċessi, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkonformaw ma' dawn it-tnejn li ġejjin:

- (a) jenħtieġ li huma jikkunsidraw l-ispejjeż u l-irkupri kollha osservati;
- (b) huma għandhom jagħtu stima tal-ispejjeż u tal-irkupri futuri, kemm dawk li jiġu mir-realizzazzjoni tal-kollaterali eżistenti kif ukoll dawk li għandhom jiġu realizzati mingħajr l-użu ta' kollaterali fi żmien il-perjodu massimu tal-proċessi ta' rkupru.

159. Jenħtieġ li l-istima msemmija fil-paragrafu 158(b) tikkonforma mal-prinċipji li ġejjin:

- (a) sabiex tingħata stima tal-ispejjeż u tal-irkupri futuri, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw l-ispejjeż u l-irkupri realizzati fuq dawn l-iskoperaturi sal-mument tal-istima, meta mqabbla mal-ispejjeż u mal-irkupri medji realizzati matul perjodu ta' żmien simili fuq skoperturi simili; għaldaqstant, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet josservaw il-mudelli ta' rkupru li ġew osservati kemm fuq proċessi ta' rkupru magħluqin kif ukoll fuq dawk mhux kompleti, filwaqt li jiġu kkunsidrati biss l-ispejjeż u l-irkupri realizzati sal-mument tal-istima;
- (b) jenħtieġ li s-suppożizzjonijiet li jkunu bbażati fuq l-ispejjeż u l-irkupri futuri mistennija kif ukoll l-aġġustament għal-LGD medju osservat ikunu:
 - i. ippruvati li jkunu xierqa permezz ta' ttestjar retrospettiv;
 - ii. ibbażati fuq raġuni ekonomika raġonevoli;
 - iii. proporzjonati, filwaqt li jikkunsidraw li l-istimi tal-LGD jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-LGD medju fuq perjodu twil li jirrifletti l-LGDs medji ppeżati bin-numru ta' inadempjenzi li jużaw l-inadempjenzi kollha osservati matul perjodu ta' osservazzjoni storika.
- (c) fl-istima tagħhom tal-irkupri futuri, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw il-preġudizzju potenzjali li ġej minn proċessi ta' rkupru mhux kompleti li jiġu kkaratterizzati minn proċessi ta' rkupru medji itwal jew irkupri medji aktar baxxi minn proċessi ta' rkupru magħluqin;
- (d) fl-istima tagħhom tal-irkupri futuri li jiġu mir-realizzazzjoni tal-kollaterali eżistenti, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw iċ-ċertezza legali tad-dikjarazzjonijiet fuq il-kollateral u s-suppożizzjonijiet realistiċi li jirrigwardaw il-possibbiltà tar-realizzazzjoni tagħha;

- (e) l-aġġustament tal-LGD medju osservat jista' jiġi stmat fil-livell ta' skoperturi individwali, fil-livell tal-grad jew tal-aggregazzjoni jew fil-livell tal-portafoll kopert mill-mudell tal-LGD;
- (f) jenħtieġ li kwalunkwe inċertezza relatata mal-istima tal-irkupri futuri dwar il-proċessi ta' rkupru mhux kompleti tiġi riflessa f'MoC adegwat applikat skont it-taqsima 4.4.

6.3.2.4 Trattament ta' każijiet b'riżultat pożittiv jew mingħajr telf

160. Fejn l-istituzzjonijiet josservaw li huma jkunu rrealizzaw profitt fuq l-osservazzjonijiet tagħhom ta' inadempjenzi, jenħtieġ li l-LGD irrealizzat fuq dawn l-osservazzjonijiet ikun ugwali għal zero sabiex jiġi kkalkolat l-LGD medju osservat u l-istima tal-LGD medju fuq perjodu twil. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-informazzjoni fuq l-LGDs realizzati qabel l-applikazzjoni ta' dan il-livell minimu fil-proċess tal-iżvilupp tal-mudell għall-finijiet ta' differenzazzjoni tar-riskju.

6.3.3 Kalibrazzjoni għal-LGD medju fuq perjodu twil

161. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalibraw l-istimi tagħhom tal-LGD għal-LGD medju fuq perjodu twil ikkalkolat skont it-taqsima 6.3.2. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħżlu metodu ta' kalibrazzjoni li jkun xieraq għall-metodoloġija tal-istima tagħhom tal-LGD mill-approċċi li ġejjin:

- (a) il-kalibrazzjoni tal-istimi tal-LGD għal-LGD medju fuq perjodu twil ikkalkolat għal kull grad jew aggregazzjoni, li f'dan il-każ jenħtieġ li jipprovdu testijiet addizzjonali ta' kalibrazzjoni fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni rilevanti;
- (b) il-kalibrazzjoni tal-istimi tal-LGD għal-LGD medju fuq perjodu twil ikkalkolat fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni, b'mod partikolari fejn huma jużaw stimi diretti tal-LGD skont l-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż fejn huma jużaw metodoloġija tal-istima tal-LGD ibbażata fuq parametri intermedjarji. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet mill-inqas iqabblu dan l-LGD medju fuq perjodu twil mal-istima tal-LGD medju applikata għall-istess sett ta' osservazzjonijiet bħal dawk li jintużaw għall-kalkolu tal-LGD medju fuq perjodu twil u, fejn ikun meħtieġ, jikkoreġu l-istimi individwali tal-LGD għall-portafoll tal-applikazzjoni skont kif ikun xieraq, pereżempju bl-użu ta' fattur ta' gradazzjoni. Fejn il-valuri realizzati jkunu ogħla mill-valuri stmati fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkoreġu l-istimi 'l fuq jew jaġġustaw mill-ġdid l-istima tagħhom sabiex din tkun tirrifletti l-esperjenza tat-telf tagħhom.

162. Fejn l-istituzzjonijiet josservaw valuri għoljin ferm ta' LGDs realizzati li jaqbużu sew il-100%, speċjalment għal skoperturi b'ammont pendenti żgħir fil-mument tal-inadempjenza, huma jenħtieġ li jidentifikaw il-motivaturi tar-riskju rilevanti biex jiddifferenzjaw dawn l-osservazzjonijiet u jirriflettu b'mod adegwat dawn il-karatteristiċi speċifiċi fl-assenjazzjoni għall-grad jew għall-aggregazzjoni. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw skala ta' klassifikazzjoni kontinwa fl-istima tal-LGD, huma jistgħu joħolqu segment tal-kalibrazzjoni separat għal dawn l-iskoperturi.

163. Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Artikolu 181(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jużaw l-inadempjenzi osservati kollha fil-kwantifikazzjoni tal-LGD, l-istituzzjonijiet ma għandhom jeskludu l-ebda inadempjenza osservata fil-perjodu ta' osservazzjoni storika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-LGD.
164. Fl-analiżi tar-rappreżentattività tad-data skont it-taqsimha 4.2.4, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw mhux biss il-karatteristiċi attwali tal-portafoll iżda anki, fejn ikun rilevanti, il-bidliet għall-istruttura tal-portafoll li huma mistennija li jseħħu fil-futur prevedibbli minħabba azzjonijiet jew deċiżjonijiet speċifiċi li diġà jkunu ttieħdu. L-aġġustamenti li jsiru abbażi tal-bidliet mistennija fil-futur previst ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis fl-istimi tal-parametru tal-LGD.

7 Stima tal-parametri tar-riskju għal skoperturi inadempjenti

7.1 Rekwiżiti ġenerali speċifiċi għall-istima tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza

7.1.1 Metodoloġiji ta' stima għall-EL_{BE} u għal-LGD fl-inadempjenza

165. L-istituzzjonijiet li kisbu l-permess li jużaw l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li jassenjaw stima tal-EL_{BE} u stima tal-LGD fl-inadempjenza għal kull skopertura mhux inadempjenti fil-medda ta' applikazzjoni tas-sistema tal-klassifikazzjoni soġġetta għal dan il-permess.
166. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jagħtu stima tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza għal kull grad ta' faċilità tal-iskala distinta ta' klassifikazzjoni tal-faċilitajiet jew għal kul aggregazzjoni li tintuża fis-sistema tal-klassifikazzjoni.
167. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw l-istess metodi ta' stima li jintużaw sabiex jiġi stmat l-LGD fuq skoperturi mhux inadempjenti, kif stipulat fil-Kapitolu 6.
168. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-informazzjoni rilevanti kollha ta' wara l-inadempjenza fl-istimi tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza fi żmien xieraq, b'mod partikolari fejn avvenimenti mill-proċess ta' rkupru jinvaldaw l-aspettattivi ta' rkupru li huma bbażati fuq l-aktar stimi riċenti.
169. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw u jiġġustifikaw b'mod xieraq is-sitwazzjonijiet fejn l-istimi tal-LGD fl-inadempjenza, f'tit wara d-data tal-inadempjenza, jiddevjaw b'mod sistematiku mill-istimi tal-LGD eżatt qabel id-data tal-inadempjenza fil-grad tal-faċilità jew fl-aggregazzjoni, fejn dawn id-devjazzjonijiet ma jiġux mill-użu ta' motivaturi tar-riskju li jkunu applikabbli biss mid-data tal-inadempjenza 'l quddiem.
170. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu ttestjar retrospettiv u analiżi komparattiva tal-istimi tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza, skont il-punti (b) u (c) rispettivament, tal-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

7.1.2 Dati ta' referenza

171. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jistabbilixxu d-dati ta' referenza li jintużaw biex jaggruppaw skoperturi inadempjenti skont il-mudelli ta' rkupru osservati. Jenħtieġ li dawn id-dati ta' referenza jintużaw fl-istima tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza minflok fid-data tal-inadempjenza. Sabiex jistabbilixxu d-dati ta' referenza,

jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw biss l-informazzjoni dwar il-proċessi ta' rkupru magħluqin filwaqt li jikkunsidraw l-ispejjeż u l-irkupri biss jekk ikunu osservati sad-data tal-istima.

172. Kull data ta' referenza li tisemma' fil-paragrafu 171 tista' tkun kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

- (a) numru speċifiku ta' jiem wara d-data tal-inadempjenza; din l-għażla tkun xierqa b'mod partikolari fejn l-istima tirreferi għal protafoll ta' skoperturi li juri mudell ta' rkupru stabbli matul iż-żmien;
- (b) data rilevanti assoċjata ma' avveniment speċifiku li fih jiġu osservati interruzzjonijiet sinifikanti fil-profil ta' rkupru; din l-għażla tkun proporzjonata b'mod partikolari fejn l-istima tirreferi għal portafoll ta' skoperturi li jkun soġġett għal bidliet sinifikanti tal-mudelli ta' rkupru assoċjati ma' ċerti avvenimenti speċifiċi, pereżempju fid-data ta' realizzazzjoni tal-kollateral;
- (c) kwalunkwe taħlita tal-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) li tirrifletti aħjar il-mudelli ta' rkupru; din l-għażla tkun xierqa b'mod partikolari fejn l-istima tirreferi għal portafoll ta' skoperturi li juri mudell ta' rkupru stabbli matul iż-żmien iżda li għalih jiġu osservati interruzzjonijiet f'dawn il-mudelli ta' rkupru f'ċerti avvenimenti speċifiċi, pereżempju fil-ġbir, u fejn id-dati ta' referenza wara li jiġu wara dawk l-avvenimenti jiġu definiti bħala għadd ta' jiem speċifiċi wara l-avveniment ta' rkupru, minflok wara d-data tal-inadempjenza;
- (d) fejn ikun xieraq, id-data ta' referenza jista' jkollha kwalunkwe valur bejn żero u n-numru ta' ġranet sat-tmiem tal-perjodu massimu tal-proċess ta' rkupru stabbilit mill-istituzzjoni għat-tip ta' skoperturi inkwistjoni.

173. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li jintużaw l-istess skoperturi inadempjenti fl-RDS fid-dati ta' referenza rilevanti kollha kkunsidrati fil-mudell.

174. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw fuq bażi regolari l-bidliet potenzjali fil-mudelli ta' rkupru u fil-politiki ta' rkupru rilevanti li jistgħu jaffettwaw l-istima tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza f'kull data ta' referenza.

7.1.3 Rekwiżiti tad-data għall-istima tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza

175. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw l-istess RDS imsemmi fit-taqsimha 6.1.2, ikkomplementat bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti osservata matul il-proċess ta' rkupru u f'kull data ta' referenza, speċifikata skont il-paragrafi 171 sa 174 u, b'mod partikolari, mill-inqas l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

- (a) il-fatturi rilevanti kollha li jistgħu jintużaw biex jiġu raggruppati skoperturi inadempjenti, u l-motivaturi rilevanti kollha tat-telf, inklużi dawk li jistgħu jsiru rilevanti wara d-data tal-inadempjenza u f'kull data ta' referenza;

(b) l-ammont pendenti f'kull data ta' referenza;

(c) il-valuri ta' kwalunkwe kollateral assoċjat mal-obbligi tal-kreditu inadempjenti u d-dati ta' valutazzjoni tagħhom wara d-data tal-inadempjenza.

7.2 Żvilupp tal-mudell fl-istima tal-EL_{BE} u tal-LDG fl-inadempjenza

176. Sabiex tiġi kkunsidrata l-informazzjoni dwar iż-żmien fl-inadempjenza u l-irkupri rrealizzati s'issa, skont l-Artikolu 54(2)(b) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw din l-informazzjoni jew direttament b'hal motivaturi tar-riskju jew indirettament, pereżempju billi jstabbilixxu d-data ta' referenza għall-istima, kif imsemmi fil-paragrafi 171 sa 174.

177. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw il-motivaturi tar-riskju potenzjali msemmija fil-paragrafu 121 mhux biss sal-mument tal-inadempjenza iżda anki wara d-data tal-inadempjenza u sad-data tat-tmiem tal-proċess ta' rkupru. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw ukoll motivaturi tar-riskju potenzjali oħra li jistgħu jsiru rilevanti wara d-data tal-inadempjenza, inkluż, b'mod partikolari, it-tul mistenni tal-proċess ta' rkupru u l-istat tal-proċess ta' rkupru. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw il-valuri tal-motivaturi tar-riskju kif ukoll il-valuri tal-kollateral adegwat mad-dati ta' referenza speċifikati skont il-paragrafi 171 sa 174.

7.3 Kalibrazzjoni tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza

7.3.1 Kalkolu tal-LGD realizzat u tal-LGD medju fuq perjodu twil għal skoperturi inadempjenti

178. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-LGDs realizzati għal skoperturi inadempjenti, skont it-taqsim 6.3.1, bl-unika differenza li dan jenħtieġ li jsir fir-rigward ta' kull data ta' referenza speċifikata skont il-paragrafi 171 sa 174, aktar milli d-data tal-inadempjenza. Fil-kalkolu tal-LGD realizzat f'data ta' referenza partikolari, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu t-tariffi kollha u l-interess kapitalizzat qabel id-data ta' referenza u jskontaw il-flussi tal-flus u l-għid sussegwenti kollha sad-data ta' referenza.

179. Fejn, wara l-mument tal-inadempjenza, l-istituzzjonijiet iħassru parti mill-iskopertura, jenħtieġ li l-kalkolu tat-telf ekonomiku u l-LGD irrealizzat ikun ibbażat fuq l-ammont sfiħ tal-obbligu tal-kreditu pendenti, mingħajr ma jiġi kkunsidrat it-tħassir. Madankollu, fejn l-istituzzjonijiet iħassru b'mod regolari partijiet ta' skoperturi abbażi ta' politika konsistenti f'termini taż-żmien u tal-proporzjon tat-tħassir, huma jistgħu jinkludu din l-informazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza. Fejn l-istituzzjonijiet iwettqu tħassir b'mod inqas regolari, huma jistgħu jaffettwaw l-informazzjoni dwar it-tħassir parzjali ta' skopertura speċifika fl-applikazzjoni ta' dawn il-parametri għal din l-iskopertura billi jipprevalu l-output tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni skont it-taqsim 8.2 sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn l-istima tal-LGD u l-applikazzjoni tal-istimi tal-LGD.

180. Sabiex jiġu stmati l-EL_{BE} u l-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-LGD medju fuq perjodu twil tal-LGDs irrealizzati għal skoperturi inadempjenti, imsemmija fil-paragrafu 178, wara r-rekwiżiti stipulati fit-taqsimi 6.3.2, bl-unika eċċezzjoni li, għal kull data ta' referenza, jenħtieġ li jintużaw proċessi ta' rkupru mhux kompluti biss jekk id-data ta' referenza rilevanti tagħhom għall-applikazzjoni tal-parametri tal-EL_{BE} u tal-LGD fl-inadempjenza tkun wara d-data ta' referenza li tkun qiegħda tiġi kkunsidrata għall-istima.
181. Skont it-taqsimi 6.3.2.3, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jagħtu stima ta' kwalunkwe rkupru futur għal skoperturi li jibqgħu fi stat inadempjenti għal perjodu ta' żmien itwal mit-tul massimu tal-proċess ta' rkupru, kif speċifikat mill-istituzzjoni. Madankollu, informazzjoni rilevanti li tirrigwarda skoperturi speċifiċi, b'mod partikolari informazzjoni dwar kollateral eżistenti, tista' tiġi riflessa fl-applikazzjoni ta' dawn il-parametri bil-prevalazzjoni tal-output tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni skont it-taqsimi 8.2.

7.3.2 Rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-EL_{BE}

7.3.2.1 Kunsiderazzjoni tal-MoC fl-istima tal-EL_{BE}

182. Għall-finijiet tal-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-EL_{BE} ma għandu jinkludi l-ebda MoC fis-sens tat-taqsimi 4.4.3.

7.3.2.2 Ċirkostanzi ekonomiċi attwali

183. Sabiex jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali fl-istimi tagħhom tal-EL_{BE}, kif meħtieġ mill-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw il-fatturi ekonomiċi, inklużi l-fatturi makroekonomiċi u dawk ta' kreditu, rilevanti għat-tip ta' skoperturi li qegħdin jiġu kkunsidrati.
184. Jenħtieġ li l-EL_{BE} jiġi stmat abbażi tal-LGD medju fuq perjodu twil, imsemmi fil-paragrafu 180, u l-ebda aġġustament ulterjuri sabiex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali ma għandu jsir fejn tiġi ssodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-mudell jinkludi direttament mill-inqas fattur makroekonomiku wieħed bħala motivatur tar-riskju;
 - (b) mill-inqas motivatur tar-riskju wieħed ikun sensittiv għal kundizzjonijiet ekonomiċi;
 - (c) l-LGD realizzat għal skoperturi inadempjenti, imsemmi fil-paragrafu 178, ma jkunx sensittiv għall-fatturi ekonomiċi rilevanti għat-tip ta' skoperturi li jkun qiegħdin jiġu kkunsidrati.
185. Fejn ma tiġi ssodisfata l-ebda mill-kundizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 184, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jaġġustaw l-LGD medju fuq perjodu twil għall-iskoperturi inadempjenti sabiex jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddokumentaw b'mod separat l-LGD medju fuq perjodu twil għall-iskoperturi inadempjenti, imsemmija fil-paragrafu 180, u l-aġġustament għall-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali.

7.3.2.3 Relazzjoni tal-EL_{BE} għal aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu

186. Fejn il-mudell li jintuża għall-aġġustament tar-riskju ta' kreditu jissodisfa jew jista' jiġi aġġustat sabiex jissodisfa r-rekwiżiti għall-istimi proprji tal-LGD stipulati fil-Parti Tlieta, it- Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu bħala stimi tal-EL_{BE}.
187. Fejn l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu jiġu vvalutati b'mod individwali għal skopertura waħda jew debitur wieħed, l-istituzzjonijiet jistgħu jipprevalu l-istimi tal-EL_{BE} abbażi tal-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu, fejn huma jkunu jistgħu juru li dan itejjeb il-preċiżjoni tal-istimi tal-EL_{BE} u li l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu jirriflettu jew jiġu aġġustati għar-rekwiżiti stipulati fit-taqsima 6.3.1 dwar il-kalkolu tat-telf ekonomiku.
188. Sabiex jiġu ġġustifikati s-sitwazzjonijiet fejn l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu jaqbżu l-istimi tal-EL_{BE} skont l-Artikolu 54(2)(f) tal-RTS fuq il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw il-konsistenza tal-istimi tal-EL_{BE} mal-komponenti tat-telf ekonomiku deskritti fit-taqsima 6.3.1, kif ukoll mad-definizzjoni ta' inadempjenza stipulata fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u janalizzaw kull differenza f'dak ir-rigward mid-definizzjonijiet u mill-metodi li jintużaw sabiex jiġu ddeterminati aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw id-differenzi possibbli fir-rata tal-iskont, il-preżenza tal-kollateral li ma jkunx eliġibbli fl-Artikolu 181(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, trattamenti differenti tal-ispejjeż u l-applikazzjoni ta' definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza.

7.3.3 Rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-LGD fl-inadempjenza

189. Sabiex tiġi kkunsidrata l-bidla negattiva possibbli fil-kundizzjonijiet ekonomiċi waqt it-tul mistenni tal-proċessi ta' rkupru msemmija fl-Artikolu 54(2)(a) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-LGD fl-inadempjenza mill-inqas jirrifletti l-kundizzjonijiet tat-tnaqqis, fejn l-istimi tal-LGD fl-inadempjenza li jkunu xierqa għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jkunu aktar konservattivi mill-LGD medju fuq perjodu twil għall-iskoperturi inadempjenti, imsemmija fil-paragrafu 180.
190. Għall-finijiet tal-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-LGD fl-inadempjenza jizjed aktar mil-livell imsemmi fil-paragrafu 189, fejn dak ikun meħtieġ, sabiex jiġi żgurat li d-differenza bejn l-LGD fl-inadempjenza u l-EL_{BE} tkopri kwalunkwe żieda fir-rata tat-telf ikkawżata minn telf addizzjonali mhux mistenni matul il-perjodu ta' rkupru.
191. Sabiex jiġi żgurat li l-LGD fl-inadempjenza jkun ogħla mill-EL_{BE}, jew f'każijiet eċċezzjonali, ikun ugwali għall-EL_{BE} għal skoperturi individwali, skont l-Artikolu 54(2)(d) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw u jikkoreġu l-LGD fl-inadempjenza f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-EL_{BE} ikun inkiseb permezz ta' aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu, skont il-paragrafu 186, u jkun ogħla mill-LGD fl-inadempjenza li jkun inkiseb permezz ta' stima diretta, skont l-Artikolu 54(1)(a) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB.

192. Safejn ir-raġunijiet għall-prevalazzjoni tal-outputs tal-istima tal-EL_{BE} ikunu rilevanti wkoll għal-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li tiġi applikata wkoll prevalazzjoni konsistenti għall-assenjazzjoni tal-LGD fl-inadempjenza b'tali mod li ż-żieda għall-EL_{BE} tkopri kull żieda fir-rata tat-telf ikkawżata minn telf mhux mistenni addizzjonali li jista' jseħħ matul il-perjodu ta' rkupru, skont l-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
193. Irrispettivament minn liema wieħed miż-żewġ approċċi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 54(1) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB jintuża sabiex tingħata stima tal-LGD fl-inadempjenza, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddokumentaw b'mod separat dan kollu li ġej:
- (a) il-qsim tal-LGD fl-inadempjenza fil-komponenti tiegħu: l-EL_{BE} u ż-żieda;
 - (b) il-qsim taż-żieda fil-komponenti kollha li ġejjin:
 - (i) il-komponent tal-kundizzjonijiet tat-tnaqqis kalibrat fuq l-aġġustament tat-tnaqqis għal-LGD medju fuq perjodu twil, kif speċifikat fil-paragrafu 189;
 - (ii) il-komponent tal-MoC, imsemmi fit-taqsima 4.4;
 - (iii) kwalunkwe komponent li jkopri telf mhux mistenni addizzjonali potenzjali matul il-perjodu ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; jenħtieġ li dan il-komponent jiġi inkluż biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn it-telf addizzjonali potenzjali ma jkunx rifless b'mod suffiċjenti fil-komponenti msemmija fil-punti (i) u (ii).

8 Applikazzjoni tal-parametri tar-riskju

194. Fl-applikazzjoni tal-mudell tal-PD jew tal-LGD u fejn l-istituzzjonijiet jirċievu informazzjoni ġdida fir-rigward ta' motivatur tar-riskju rilevanti jew kriterju tal-klassifikazzjoni, huma jenħtieġ li jikkunsidraw din l-informazzjoni fl-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni f'ħin xieraq, b'mod partikolari billi jiżguraw it-tnejn li ġejjin:
- (a) li s-sistemi rilevanti tal-IT jiġu aġġornati mill-aktar fis possibbli u li l-klassifikazzjoni korrispondenti u l-assenjazzjoni tal-PD jew tal-LGD tiġi riveduta mill-aktar fis possibbli;
 - (b) fejn l-informazzjoni l-ġdida tkun relatata mal-inadempjenza ta' debitur, li l-PD tad-debitur jiġi ssettjat għal 1 fis-sistemi rilevanti kollha tal-IT fi żmien xieraq u skont il-paragrafu 108 tal-Linji gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

8.1 Konservatiżmu fl-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju

195. Għall-finijiet tal-Artikolu 171(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw konservatiżmu addizzjonali għar-riżultati tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni, fejn jiġi indentifikat kwalunkwe nuqqas relatat mal-implimentazzjoni tal-mudell fis-sistema tal-IT jew għall-proċess tal-assenjazzjoni tal-parametri tar-riskju lid-debituri jew lill-faċilitajiet fil-portafoll attwali (applikazzjoni tal-parametri tar-riskju), speċjalment meta dawk in-nuqqasijiet ikunu relatati ma' data li tintuża fil-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni. Jenħtieġ li huma jagħmlu dan billi jistabbilixxu qafas li jikkonsisti mill-fażijiet li ġejjin:
- (a) identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-mudell fis-sistema tal-IT jew fl-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju;
 - (b) speċifikazzjoni tal-forma tal-konservattiviżmu li għandha tiġi applikata u kwantifikazzjoni tal-livell xieraq tal-konservatiżmu;
 - (c) monitoraġġ tan-nuqqasijiet u l-korrezzjoni tagħhom;
 - (d) dokumentazzjoni.
196. Għall-finijiet tal-paragrafu 195(a), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom proċess robust sabiex jidentifikaw in-nuqqasijiet kollha ta' implimentazzjoni u ta' applikazzjoni fil-proċess tal-assenjazzjoni, fejn kull nuqqas iwassal għal trattament konservattiv addizzjonali fl-assenjazzjoni affettwata għal grad jew aggregazzjoni. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw mill-inqas l-iskattaturi li ġejjin għal konservatiżmu addizzjonali:
- (a) data nieqsa fil-portafoll tal-applikazzjoni;

- (b) aġġornamenti neqsin ta' rapporti finanzjarji jew data tal-uffiċċju tal-kreditu, kif imsemmi fil-paragrafu 59(h);
 - (c) klassifikazzjonijiet skaduti fil-portafoll tal-applikazzjoni; fejn klassifikazzjoni skaduta għandha tinftiehem kif speċifikat fl-Artikolu 25(2)(b) tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-IRB;
 - (d) klassifikazzjonijiet neqsin, fejn skopertura tiġi kkunsidrata li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-IRB iżda mhux ikklassifikata bih.
197. Għall-finijiet tal-paragrafu 195(b), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-okkorrenza ta' kwalunkwe wieħed mill-iskattaturi msemmija fil-paragrafu 196 tirriżulta fl-applikazzjoni ta' konservatiżmu addizzjonali għall-parametri tar-riskju sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti ta' skoperturi ppeżati bir-riskju. Fejn iseħħ aktar minn skattatur wieħed, jenħtieġ li l-istima tkun aktar konservattiva. Jenħtieġ li l-konservatiżmu addizzjonali relatat ma' kull skattatur ikun proporzjonat mal-inċertezza fil-parametru tar-riskju stmat introdott mill-iskattatur.
198. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-impatt ġenerali tan-nuqqasijiet identifikati u l-konservatiżmu li jirriżulta fil-livell tal-portafoll kopert mill-mudell rilevanti fuq is-solidità tal-assenjazzjonijiet għall-grad jew għall-aggregazzjonijiet u jiżguraw li r-rekwiżiti tal-fondi proprji li jirriżultaw ma jkunux distorti mill-ħtieġa għal aġġustamenti eċċessivi.
199. Għall-finijiet tal-paragrafu 195(c), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw b'mod regolari n-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni u l-livelli ta' konservatiżmu addizzjonali applikati fir-rigward tagħhom. Kull meta jkun possibbli, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jieħdu passi biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati. Wara l-valutazzjoni tagħha, jenħtieġ li l-istituzzjoni tiżviluppa pjan biex tirranġa n-nuqqasijiet fi żmien raġonevoli, filwaqt li tikkunsidra d-daqs tal-impatt fuq ir-rekwiżiti tal-fondi proprji.
200. Għall-finijiet tal-paragrafu 195(d), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw manwali u proċedura adegwati għall-applikazzjoni ta' konservatiżmu addizzjonali u jiddokumentaw il-proċess applikat biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' implimentazzjoni u ta' applikazzjoni. Jenħtieġ li din id-dokumentazzjoni jkun fiha mill-inqas l-iskattaturi kkunsidrati u l-effetti li l-attivazzjoni ta' dawn l-iskattaturi kellha fuq l-assenjazzjoni finali għal grad jew aggregazzjoni, il-livell tal-parametru tar-riskju u fuq ir-rekwiżiti tal-fondi proprji.

8.2 Ġudizzju uman fl-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju

201. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-ġudizzju uman fl-applikazzjoni tal-mudell fil-każijiet li ġejjin:
- (a) fl-applikazzjoni tal-varjabbli kwalitattivi li jintużaw fil-mudell;
 - (b) permezz ta' prevalazzjonijiet tal-inputs tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni;
 - (c) permezz ta' prevalazzjonijiet tal-outputs tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni.
202. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw kriterji ċari għall-użu ta' inputs tal-mudell kwalitattivi u jiżguraw applikazzjoni konsistenti ta' dawn l-inputs mill-persunal kollu rilevanti u

assenjazzjoni konsistenti tad-debituri jew tal-faċilitajiet li jimponu riskju simili għall-istess grad jew aggregazzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 171(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

203. Għall-finijiet tal-Artikolu 172(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw il-politiki u l-kriterji għall-użu ta' prevalazzjonijiet fil-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni. Jenħtieġ li dawn il-politiki jirreferu għal prevalazzjonijiet possibbli kemm ta' inputs kif ukoll ta' outputs ta' dan il-proċess u jiġu speċifikati b'mod konservattiv sabiex l-iskala tal-prevalazzjonijiet konservattivi ma tkunx limitata. B'kuntrast ma' dan, jenħtieġ li l-iskala tat-tnaqqis potenzjali tal-istimi li jirriżultaw mill-mudell, permezz tal-prevalazzjoni tal-inputs jew tal-outputs tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni, tiġi limitata. Fl-applikazzjoni tal-prevalazzjonijiet, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-informazzjoni rilevanti u aġġornata kollha.
204. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddokumentaw l-iskala u r-raġuni ta' kull prevalazzjoni. Kull fejn ikun possibbli, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw lista definita minn qabel tal-ġustifikazzjonijiet possibbli tal-prevalazzjonijiet li jistgħu jintgħażlu. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jaħżnu wkoll informazzjoni dwar id-data tal-prevalazzjoni u l-persuna li wettqitha u li approvatha.
205. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw regolarment il-livell u l-ġustifikazzjonijiet għall-prevalazzjonijiet tal-inputs u tal-outputs tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni. Fil-politiki tagħhom, jenħtieġ li huma jispeċifikaw ir-rata massima aċċettabbli ta' prevalazzjonijiet għal kull mudell. Fejn daww il-livelli massimi jiġu miksur, jenħtieġ li l-istituzzjoni tiegħu miżuri adegwati. Jenħtieġ li r-rati tal-prevalazzjonijiet jiġu speċifikati u mmonitorjati fil-livell tas-segment tal-kalibrazzjoni. Fejn ikun hemm numru għoli ta' prevalazzjonijiet, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jadottaw miżuri adegwati sabiex itejbu l-mudell.
206. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet janalizzaw regolarment il-prestazzjoni tal-iskoperturi fir-rigward ta' liema prevalazzjoni tal-input jew tal-output tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni tkun twettqet, skont l-Artikolu 172(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
207. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw regolarment il-prestazzjoni tal-mudell qabel u wara l-prevalazzjonijiet tal-outputs tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni. Fejn il-valutazzjoni tikkonkludi li l-użu ta' prevalazzjonijiet naqqas b'mod sinifikanti l-kapaċità li l-mudell jikkwantifika b'mod preċiż il-parametri tar-riskju ("kapaċità ta' tbassir tal-mudell"), jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jadottaw miżuri adegwati sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-prevalazzjonijiet.

8.3 Użu ta' klassifikazzjonijiet u stimi tal-inadempjenza u tat-telf interni

208. Skont l-Artikolu 144(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikoli 18 sa 21 tal-RTS dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-IRB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw l-istess stimi tal-parametri tar-riskju għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji u għal skopijiet interni,

inklużi l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tat-teħid ta' deċiżjonijiet, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) id-devjazzjoni hija ġustifikata u xierqa għall-qasam tal-użu speċifiku;
- (b) id-devjazzjoni ma twassalx għal bidla fil-klassifikazzjoni li tordna fl-assenjazzjoni ta' debitori jew faċilitajiet għal gradi jew aggregazzjonijiet f'segment tal-kalibrazzjoni minflok f'kull grad jew aggregazzjoni;
- (c) id-devjazzjoni hija dovuta għall-użu tal-parametri għal skopijiet interni mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-MoC, mingħajr limiti regolatorji, mingħajr aġġustament tat-tnaqqis fil-każ ta' stimi tal-LGD jew hija dovuta għall-użu ta' metodu ta' kalibrazzjoni differenti, li jista' jimplika l-ispeċifikazzjoni ta' segmenti differenti tal-kalibrazzjoni.

209. Għall-finijiet tal-paragrafu 208, ir-raggruppament ta' stimi kontinwi tal-parametri tar-riskju fil-klassifikazzjonijiet omoġenji għal skopijiet interni wkoll jista' jiġi kkunsidrat bħala xieraq.

210. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw stimi tal-parametri tar-riskju għal skopijiet interni li jkunu differenti minn dawk li jintużaw fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji, jenħtieġ li huma jirriflettu dan kull tant żmien fir-rappurtar intern tagħhom lill-ġestjoni superjuri billi jipprovdu informazzjoni dwar iż-żewġ settijiet ta' parametri. F'kull każ, jenħtieġ li r-rappurtar intern jinkludi l-elementi kollha speċifikati fl-Artikolu 189(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 abbażi tal-istimi tal-parametri tar-riskju li jintużaw sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti tal-fondi proprji.

8.4 Kalkolu ta' nuqqas jew eċċess tal-IRB

211. Għall-finijiet ta' dan il-kapitolu, id-differenza bejn, minn naħa waħda, aġġustament tar-riskju ta' kreditu ġenerali u speċifiċi, aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji relatati ma' dawn l-iskoperturi u, min-naħa l-oħra, l-ammont ta' telf mistenni skont l-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li jiġi kkunsidrat nuqqas tal-IRB, jekk ikun negattiv, u eċċess tal-IRB, jekk ikun pożittiv.

212. Fejn il-kalkolu għall-portafoll mhux inadempjenti ġenerali, imsemmi fl-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jirriżulta f'eċċess tal-IRB, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw dan l-eċċess tal-IRB sabiex ikopru għal kwalunkwe nuqqas tal-IRB mill-kalkolu li jkun sar skont dak l-Artikolu għall-portafoll inadempjenti ġenerali.

213. Sabiex kwalunkwe aċċess tal-IRB jizjed mal-Grad 2, skont l-Artikolu 62(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn il-kalkolu msemmi fl-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirriżulta f'eċċess tal-IRB kemm għall-portafoll inadempjenti kif ukoll għal dak mhux inadempjenti, jenħtieġ li s-somma ta' dawn iż-żewġ eċċessi tal-IRB tiġi kkunsidrata u tiżjed mal-Grad 2 skont il-limitu msemmi fl-Artikolu 62(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.



214. Għall-finijiet tal-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu tħassir parzjali fil-kalkolu tal-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi tar-riskju ta' kreditu. Madankollu, skont l-Artikolu 166(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-kalkolu tal-ammont tat-telf mistenni għall-applikazzjoni tal-Artikoli 158 u 159 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikun ibbażat fuq il-valur tal-iskopertura gross tal-aġġustamenti fil-valur iżda nett tat-tħassir.

9 Reviżjoni tal-istimi

215. Jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw politiki interni għal bidliet fil-mudelli u fl-istimi tal-parametri tar-riskju li jintużaw f'sistema ta' klassifikazzjoni. Jenħtiegħ li dawn il-politiki jipprevedu li bidliet fil-mudelli isiru bħala riżultat ta' mill-inqas dawn li ġejjin:

- (a) reviżjoni regolari tal-istimi;
- (b) validazzjoni indipendenti;
- (c) bidliet fl-ambjent legali;
- (d) reviżjoni tal-awditjar intern;
- (e) reviżjoni tal-awtorità kompetenti.

216. Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet materjali bħala riżultat tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 215, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet jieħdu azzjonijiet xierqa skont is-severità tan-nuqqas u japplikaw MoC skont it-taqsimha 4.4.3.

217. Għall-finijiet ta' reviżjonijiet regolari tal-istimi, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet ikollhom qafas fis-seħħ li mill-inqas jinkludi l-elementi li ġejjin:

- (a) kamp ta' applikazzjoni minimu u frekwenza tal-analiżijiet li għandhom isiru, inklużi metriċi definiti minn qabel li jintgħażlu mill-istituzzjoni sabiex tittestja r-rappreżentattività tad-data, il-prestazzjoni tal-mudell, il-kapaċità tat-tbassir u l-istabbiltà tiegħu;
- (b) standards iddefiniti minn qabel, inklużi limiti u livelli ta' sinifikat iddefiniti minn qabel għall-metriċi rilevanti;
- (c) azzjonijiet iddefiniti minn qabel li għandhom jittieħdu fil-każ ta' riżultati negattivi tar-reviżjoni, skont is-severità tan-nuqqas.

Fir-reviżjonijiet regolari tal-istimi, l-istituzzjonijiet jistgħu jiddependu fuq ir-riżultati tal-validazzjoni indipendenti fejn dawn ir-riżultati jkunu aġġornati.

218. Ir-reviżjonijiet tal-istimi li għandhom isiru mill-inqas darba fis-sena, skont l-Artikolu 179(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtiegħ li jsiru filwaqt li jikkunsidraw il-metriċi, l-istandards u l-limiti definiti mill-istituzzjoni skont il-paragrafu 217. Jenħtiegħ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-reviżjonijiet jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- (a) analiżi tar-rappreżentattività tad-data, inkluż dan kollu li ġejj:

- (i) analiżi tad-differenzi potenzjali bejn l-RDS li jintuża sabiex jiġu kwantifikati l-parametru tar-riskju u l-portafoll tal-applikazzjoni, inkluża l-analiżi ta' kwalunkwe bidla fil-portafoll jew kwalunkwe interruzzjoni strutturali, permezz ta' analiżi tar-rappreżentattività deskritta fit-taqsim 4.2.4;
 - (ii) analiżi tad-differenzi potenzjali bejn l-RDS li jintuża biex jiġu żviluppati l-mudell u l-portafoll tal-applikazzjoni; għal dan il-għan l-istituzzjonijiet jenħtieġ li:
 - iwettqu l-analiżi stipulata fil-paragrafi 24, 25, u 26;
 - jikkunsidraw li d-data li tintuża għall-iżvilupp tal-mudell tkun biżżejjed rappreżentattiva f'termini tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 21, jekk il-prestazzjoni tal-mudell fis-sens tal-paragrafu 218(b) tkun soda;
 - iwettqu l-analiżi stipulata fil-paragrafi 22 u 23 fejn il-prestazzjoni tal-mudell fis-sens tal-paragrafu 218(b) tkun qiegħda tiddeterjora;
- (b) analiżi tal-prestazzjoni tal-mudell u l-istabbiltà tiegħu matul iż-żmien, li jenħtieġ li jkollha ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:
- (i) jenħtieġ li l-analiżi tidentifika kwalunkwe deterjorament potenzjali tal-prestazzjoni tal-mudell, inkluża s-setgħa diskriminatorja tal-mudell, permezz ta' paragun bejn il-prestazzjoni tiegħu waqt l-iżvilupp u l-prestazzjoni tiegħu f'kull perjodu ta' osservazzjoni sussegwenti tas-sett tad-data estiż kif ukoll mal-livelli limiti definiti minn qabel; jenħtieġ li din l-analiżi ssir fuq subgruppi rilevanti, pereżempju bi u mingħajr stat ta' delinkwenza fil-każ ta' stimi tal-PD, jew għal diversi xenarji ta' rkupru fil-każ ta' stimi tal-LGD;
 - (ii) jenħtieġ li l-analiżi ssir fir-rigward tal-portafoll tal-applikazzjoni sħiħ, mingħajr ma jsiru aġġustamenti jew esklużjonijiet tad-data fl-iżvilupp tal-mudell; għal skopijiet ta' paragun, il-prestazzjoni waqt l-iżvilupp jenħtieġ li tinkiseb ukoll għall-portafoll tal-applikazzjoni sħiħ, qabel kwalunkwe aġġustament jew esklużjoni tad-data;
- (c) analiżi tal-kapaċità ta' tbassir tal-mudell, li mill-inqas tinkludi:
- (i) analiżi dwar jekk l-inklużjoni tal-aktar data riċenti fis-sett tad-data li jintuża sabiex jiġu stmati l-parametri tar-riskju twassalx għal stimi tar-riskju materjalment differenti u, b'mod partikolari:
 - għall-PD, jekk l-inklużjoni tal-aktar data riċenti twassalx għal bidla sinifikanti fir-rata ta' inadempjenza medja fuq perjodu twil; jenħtieġ li din l-analiżi tikkunsidra d-definizzjoni mill-ġdid xierqa tal-perjodu tal-medda tal-varjabbiltà probabbli tar-rati ta' inadempjenza u tat-taħlita tas-snin tajbin u dawk ħżiena, jekk ikunu meħtieġa;

- għal-LGD, jekk l-inklużjoni tal-aktar data riċenti twassalx għal bidla sinifikanti fl-LGD medju fuq perjodu twil jew fl-LGD ta' tnaqqis;

(ii) analiżi ta' ttestjar retrospettiv, li jenħtieġ litinkludi paragun bejn l-istimi li jintużaw għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji u r-riżultati osservati għal kull grad jew aggregazzjoni; għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw ir-riżultati tal-itestjar retrospettiv li sar bħala parti mill-validazzjoni interna, skont l-Artikolu 185(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew jistgħu iwettqu testijiet addizzjonali, pereżempju fir-rigward ta' perjodu ta' żmien differenti tas-sett tad-data.

219. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li skonthom l-analiżijiet imsemmija fil-paragrafu 218 għandhom isiru b'mod aktar frekwenti milli darba fis-sena, bħal bidliet ewlenin fil-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, il-politiki tal-kreditu jew sistemi rilevanti tal-IT. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu r-reviżjoni tal-mudell tal-PD jew tal-LGD kull meta josservaw bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet ekonomiċi meta mqabbla mal-kundizzjonijiet ekonomiċi li huma bbażati fuq is-sett tad-data li jintuża sabiex jiġi żviluppat il-mudell.

220. Sabiex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 190(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddefinixxu ċiklu regolari għar-reviżjoni sħiħa tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, filwaqt li jikkunsidraw il-materjalità tagħhom, u jkopru l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-mudell, il-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju u, fejn ikun applikabbli, l-istima tal-komponenti tal-mudell. Jenħtieġ li din ir-reviżjoni tinkludi dan kollu li ġej:

- (a) reviżjoni tal-motivaturi tar-riskju eżistenti u potenzjali u valutazzjoni tas-sinifikat tagħhom ibbażati fuq l-istandards definiti minn qabel tar-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 217;
- (b) valutazzjoni tal-approċċ tal-immudellar, is-solidità kunċettwali tiegħu, l-issodisfar tas-suppożizzjonijiet tal-immudellar u approċċi alternattivi.

Fejn ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni jirrakkomandaw xi bidliet għat-tfassil tal-mudell, jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet xierqa wara r-riżultati minn din l-analiżi.

221. Għall-finijiet tar-reviżjoni speċifikata fil-paragrafi 217 sa 220, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw politiki konsistenti għall-aġġustamenti u għall-esklużjonijiet tad-data u jiżguraw li kwalunkwe differenza fil-politiki applikati għas-settijiet tad-data rilevanti tkun iġġustifikata u li ma xxekklix ir-riżultati tar-reviżjoni.